
PARLAMENT NAZZJONALI
TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2026



RAPPORT U REŻOLUZZJONIJIET FINALI

Introduzzjoni

Fil-11 u t-12 ta' Settembru, il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ organizza l-25 edizzjoni tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Dan l-avveniment prestiġjuż, li jsir ta' kull sena, jagħti opportunità unika lill-parteċipanti żgħażagħ jipparteċipaw f'workshops li jgħinuhom jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, jaħdmu fuq proposti fuq temi politiċi kurrenti, u jippreżentaw u jiddibattu dawn il-proposti fil-Parlament ta' Malta. Dan l-avveniment ma jservix biss bħala pjattaforma għaż-żgħażagħ biex jaqsmu ħsibijithom, imma bħala pass konkrett fl-iżvilupp kontinwu tal-parteċipazzjoni demokratika taż-żgħażagħ f'pajjiżna.

It-temi li ħadmu fuqhom il-parteċipanti din is-sena huma Il-Klawżola tan-Newtralità fil-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Bilanċ bejn il-Popolazzjoni, l-Infrastrtuttura u l-Ambjent. Dawn huma żewġ temi kurrentissimi li bħala Kunsill nemmnu li jolqtu liż-żgħażagħ b'mod dirett ħafna. Dan id-dokument jinkludi l-proposti kollha li ġew approvati mill-parteċipanti dakinhar tas-sessjoni prinċipali. Filwaqt li nirringrazzja lill-Membri Parlamentari kollha li attendew is-sessjoni prinċipali u laqgħu l-ideat taż-żgħażagħ parteċipanti, f'isem il-Kunsill inħeġġeġ lill-awtoritajiet u lill-Membri Parlamentari kollha jieħdu x-xogħol ta' dawn iż-żgħażagħ in kunsiderazzjoni fid-diskussjonijiet tagħhom fuq dawn it-temi tant kurrenti u importanti.

Nixtieq nirringrazzja lill-parteċipanti għax-xogħol u d-dedikazzjoni tagħhom matul l-esperjenza tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ, kif ukoll lill-membri tal-Kunsill, passati, kurrenti, u futuri, li permezz tal-ħidma tagħhom jibqgħu jeżistu spazji kruċjali ta' dibattitu u diskussjoni għaż-żgħażagħ, bħalma hu dan l-avveniment, li jagħmlu impatt fuq is-soċjetà Maltija.

Francesca Giudice

Uffiċjal Nazzjonali tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ



Parteċipanti tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2026

Taħt it-tema tal-Klawżola tan-Newtralità fil-Kostituzzjoni ta' Malta

Partit Pax Mediterranea
Kaylee Brincat
Eman Farrugia
Ken Tabone
Samuel Camilleri Brancaleone

Membri Parlamentari Indipendenti
Nathan Arpa
Francesca Cilia

Taħt it-tema tal-Bilanċ bejn il-Popolazzjoni, l-Infrastruttura u l-Ambjent

Partit Sostenibbli
Daniel Agius
Aaron Ciantar
Abigail Farrugia
James Mizzi
Giulio Spiteri
Jake Borg

Membri Parlamentari Indipendenti
Matthias Saliba
Kurt Axisa

Partit Artisti tal-Futur
Elizabeth Azzopardi
Miguel Borg
Elena Curmi
Benjamin Friggieri
Maja Ruzicic

Mentors

Sephora Vella, Emma Brownrigg Fenech u Jelena Pevac

REŻOLUZZJONIJIET FINALI
FUQ IT-TEMA

IL-KLAWŻOLA
TAN-NEWTRALITÀ
FIL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA

Proposti Partit Pax Mediterranea

PILASTRU 1: Ħarsien Kostituzzjonali u Governanza tan-Newtralità

In-newtralità ta' Malta għandha tkun prinċipju attiv u protett permezz ta' mekkaniżmi ċari ta' skrutinju, sorveljanza u responsabbiltà demokratika.

1. Nippropponu li jinħatar Uffiċjal indipendenti għan-Newtralità ("Neutrality Clause Officer").

   L-Uffiċjal għandu:

   - jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-prinċipju tan-newtralità;
   - jagħti pariri lill-Gvern;
   - jirrapporta lill-Parlament;
   - jinvestiga tħassib dwar ksur potenzjali tan-newtralità;
   - jiskrutinizza trattati, ftehimiet u sħubijiet internazzjonali relatati ma' kwistjonijiet militari, ta' difiża jew ta' sigurtà dwar x'implikazzjonijiet ser ikollhom fuq in-newtralità, kif ukoll l-impatt futur fiż-żoni ta' sigurtà u l-implikazzjonijiet oħrajn.

2. L-Uffiċjal għandu jkun persuna non-partiġġjana b'kompetenza għolja fil-liġi kostituzzjonali u għandu jinħatar permezz ta' proċedura li tiggarantixxi l-indipendenza tiegħu minn kull influwenza politika jew partitarja. Għal dan il-għan, għandu jiġi kkunsidrat mudell simili għal dak tal-Ombudsman, fejn il-ħatra ssir mill-President tar-Repubblika wara approvazzjoni b'maġġoranza kwalifikata ta' mill-inqas żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra tad-Deputati.

   L-uffiċju tal-uffiċjal ser ikun fih persuni imqabbdin mill-uffiċjal stess li jkollhom kompetenza teknika fuq kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża.

3. Nippropponu li Malta taddotta "Neutrality Impact Assessment".

   Qabel ma' Malta tidħol f'xi ftehim internazzjonali li jista' jkollu implikazzjonijiet militari, ta' difiża jew ta' sigurtà, l-uffiċjal indipendenti għan-newtralità hu għandu jkun obbligat jagħmel valutazzjoni dwar jekk dak il-ftehim huwiex kompatibbli mal-Klawżola Kostituzzjonali tan-Newtralità, kif ukoll l-implikazzjonijiet futuri ta' dak il-ftehim.

4. Nippropponu li jiġi introdott "Malta Neutrality Certificate".

   Qabel ma l-Gvern jidħol f'xi ftehim internazzjonali relatat mad-difiża jew sigurtà, għandu jkun hemm ċertifikazzjoni uffiċjali, mill-uffiċjal indipendenti tan-newtralità wara

li jikkonkludi n-Neutrality Impact Assessment li tikkonferma li l-ftehim huwa kompatibbli mal-Klawżola Kostituzzjonali tan-Newtralità u jiġi kkjarifikat l-implikazzjonijiet futuri tal-ftehim.

Ebda ftehim ta' natura militari, ta' difiża jew ta' sigurtà m'għandu jiġi ffirmat qabel ma jiġi konkluż in-Neutrality Impact Assessment u jiġi diskuss fil-Parlament.

Ftehim li huwa urġenti jista' jiġi iffirmat mingħajr ma jgħaddi mill-proċessi msemmija. F'dan il-każ, il-gvern għandu jagħti ġustifikazzjoni u l-ftehim se jgħaddi mill-Impact Assessment bl-Uffiċjal Indipendenti tan-Newtralità joħroġ rakkomandazjonijiet għall-emendi.

5. Nippproponu li jitwaqqaf Kumitat Parlamentari Permanenti dwar s-Sigurtà Nazzjonali. Dan il-Kumitat għandu l-istess rwoli bħal standing committees oħrajn.

6. Nippproponu li jiġi ppreżentat Rapport Annwali dwar l-azzjonijiet u l-inizjattivi li Malta ħadet fil fora internazzjonali.
   Ir-rapport għandu jinkludi:

   - Ftehmiet ta' sigurtà jew ko-operazzjoni li jkunu saru;
   - Laqgħat internazzjonali li ġew attenduti min Malta u l-pożizzjoni adottata;
   - Liem passi Malta se tieħu fis-sena ta' wara.

PILASTRU 2: Malta bħala Stat ta' Paċi u Diplomazija

In-newtralità m'għandhiex tfisser sempliċiment li Malta ma tipparteċipax f'kunflitti armati. Għandha tintuża wkoll bħala għodda diplomatika sabiex Malta tikkontribwixxi għall-paċi, id-djalogu u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti.

7. Malta għandha tibqa toffri li tospità konferenzi u laqgħat internazzjonali fejn rappreżentanti minn pajjiżi involuti f'kunflitti jkunu jistgħu jiltaqgħu f'ambjent newtrali u jiddiskutu possibbiltajiet ta' djalogu u riżoluzzjoni tal-kunflitti. B'dan il-mod, Malta tuża n-newtralità mhux biss sabiex ma tkunx parti minn gwerra, iżda wkoll sabiex tkun parti mis-soluzzjoni.

8. Nagħtu appoġġ ukoll lil Malta Conviener Series bħala eżempju tajjeb ta' modi kif Malta tikkontribwixxi għall-paċi, filwaqt li tiġbed l-attenzjoni lejn kwistjonijiet internazzjonali importanti.

9. Nippproponu li Malta ssaħħaħ ir-rwol tagħha fi ħdan il-fora internazzjonali, permezz ta' sehem iżjed attiv fin-Nazzjonijiet Magħquda, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni

għall-Kooperazzjoni u s-Sigurta' fl-Ewropa, l-Unjoni għall-Mediterran u organizzazzjonijiet oħrajn relevanti.

10. Malta għandha tkompli tappoġġja b'mod attiv inizjattivi ta' riforma u kontribuzzjonijiet finanzjarji li jsaħħu s-sostenibbiltà u l-effettività tal-NU, inklużi proċessi bħall-inizjattiva UN80.

    Barra minn hekk, il-Gvern għandu jipprovdi sostenn diplomatiku u finanzjarju partikolari lir-Rappreżentanti Speċjali tas-Segretarju Ġenerali (SRSGs) li jaħdmu direttament fuq il-konsolidazzjoni tal-paċi u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fl-oqsma:

    - tat-Tfal u Kunflitti Armati;
    - tal-Vjolenza kontra t-Tfal;
    - tal-Vjolenza Sesswali f'Sitwazzjonijiet ta' Kunflitt.

PILASTRU 3: Malta fl-Unjoni Ewropea u Kooperazzjoni għas-Sigurtà

Malta għandha tibqa' involuta b'mod attiv fl-Unjoni Ewropea u f'mekkaniżmi internazzjonali ta' kooperazzjoni, filwaqt li tiżgura li din il-kooperazzjoni tibqa' kompatibbli mal-istatus kostituzzjonali tagħha ta' stat newtrali.

11. Nipproponu li Malta tkompli tippromwovi d-diplomazija, id-djalogu u s-"soft power" bħala l-ewwel strumenti fir-rispons għal kunflitti u kriżijiet internazzjonali.

12. Nipproponu li Malta tafferma li s-sħubija tagħha fil-Partnership for Peace (PfP) tirrispetta l-Artiklu 1(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
    Is-sħubija għandha titqies bħala strument ta' kooperazzjoni għall-bini tal-kapaċitajiet ta' paċi u sigurtà, konsistenti ma' mudell ta' newtralità attiva u mhux ta' allinjament militari.

13. Nipproponu li, f'każ ta' żvilupp lejn armata Ewropea jew alleanza militari strutturata fil-livell tal-UE, Malta tuża l-mekkaniżmi legali u diplomatiċi tagħha sabiex ma ssirx parti integrali minn struttura militari bħal din.
    Minflok parteċipazzjoni diretta, Malta għandha tesplora ftehimiet ta' sħubija u kooperazzjoni fuq mudell simili għal dak tal-Partnership for Peace, b'enfasi fuq:

    - xogħol umanitarju;
    - immaniġġjar ta' kriżijiet;
    - operazzjonijiet ta' salvataġġ;
    - protezzjoni ċivili.

14. Nipproponu li Malta tiftaħ djalogu formali u tesplora uffiċjalment oqsma ta' kooperazzjoni fi ħdan il-PESCO, billi tillimita l-parteċipazzjoni tagħha għal proġetti ta'

natura ċivili u umanitarja.
Il-kooperazzjoni għandha tkun ikkonċentrata fuq:

- Għajnuna Umanitarja u Rispons għal Kriżijiet;
- Tiftix u Salvataġġ (Search and Rescue – SAR) fil-Baħar Mediterran;
- Għajnuna f'Każ ta' Diżastri Naturali (Disaster Relief) u protezzjoni ċivili.

15. Kull azzjoni amministrattiva li tista' taffettwa l-istatus tan-newtralità għandha tkun soġġetta għal skrutinju dettaljat mingħand Uffiċjal tal-klawżola tan-newtralità, sabiex jiġi żgurat li l-ebda riżors jew impenn nazzjonali ma jintuża f'operazzjonijiet jew sħubijiet militari offensivi.

PILASTRU 4: Sigurtà Nazzjonali, Reżiljenza u Awtosuffiċjenza

Stat newtrali għandu jkun kapaċi jħares il-popolazzjoni tiegħu u jżomm is-servizzi essenzjali operattivi anke f'każ ta' kriżi internazzjonali, diżastru naturali jew interruzzjoni fil-katini tal-provvista.

16. Nipproponu li l-Gvern jistabbilixxi programm nazzjonali għal "Strategic Stockpiles". Il-programm għandu jinkludi l-ħolqien, iż-żamma u r-rotazzjoni perjodika ta' riservi strateġiċi ta':
    - ikel;
    - ilma tax-xorb;
    - provvisti essenzjali u medici;
    - komponenti tekniċi kritiċi.

17. Nipproponu li Malta tiżgura riservi strateġiċi ta' ilma tax-xorb għal emerġenzi nazzjonali, filwaqt li tissaħħaħ l-infrastruttura tal-ħżin sabiex jiġi evitat nuqqas ta' ilma f'każ ta' diżastri jew inċidenti tekniċi ta' skala kbira. Għandu wkoll jinħoloq stokk strateġiku ta' spare parts u komponenti essenzjali għall-impjanti tar-Reverse Osmosis.

18. Nipproponu li jinżamm inventarju nazzjonali ta' komponenti kritiċi u materjali tekniċi relatati mal-grid nazzjonali tad-distribuzzjoni tal-elettriku u s-sistema tal-ilma, sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura nazzjonali u jitnaqqas ir-riskju ta' interruzzjonijiet fit-tul.

Proposti Membru Indipendenti Nathan Arpa

Proposta 1 - Il-Modernizzazzjoni tan-Newtralità Kostituzzjonali ta' Malta

L-Artikolu 1(3) tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi lil Malta bħala Stat newtrali favur il-paċi u n-non-allinjament. Madankollu, il-Kostituzzjoni għadha tinkludi termini tal-Gwerra Bierda, bħar-referenza għaż-"żewġ superpotenzi", li llum ma għadhomx jirriflettu r-realtà internazzjonali.

1. Malta għandha żżomm l-istatus kostituzzjonali tagħha bħala Stat newtrali u l-impenn tagħha favur il-paċi u n-non-allinjament.
2. L-Artikolu 1(3) tal-Kostituzzjoni dwar in-newtralità għandu jiġi eżaminat u rivedut biex jiġi ddeterminat u ċċarat jekk huwiex vijabbli li jsiru emendi kostituzzjonali fosthom termini marbuta mal-perjodu tal-Gwerra Bierda, inkluża r-referenza għaż-"żewġ superpotenzi".
3. Il-Kostituzzjoni għandha tirrikonoxxi li t-theddid għas-sovranità, l-indipendenza, in-newtralità u l-integrità territorjali ta' Malta jista' jkun:
    - Militari;
    - Ċibernetiku;
    - Ekonomiku;
    - Teknoloġiku;
    - Immirat lejn infrastruttura nazzjonali kritika;
4. In-newtralità għandha tiġi interpretata bħala non-allinjament militari u libertà sovrana fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u mhux bħala iżolament politiku.

Proposta 2 – Is-Sigurtà tal-Ikel u tal-Provvisti Essenzjali

Bħala stat żgħir, Malta tiddependi ħafna fuq il-kummerċ estern għall-ikel, l-enerġija, il-mediċini u provvisti essenzjali oħra. Stat ma jistax jeżerċita politika barranija verament indipendenti jekk Stati barranin jew tfixkil fil-kummerċ internazzjonali jkunu jistgħu jqiegħdu lil Malta taħt pressjoni ekonomika serja.

1. Il-Gvern għandu jsaħħaħ is-sistema tar-riżervi strateġiċi għall-ikel, l-enerġija, il-mediċini u provvisti essenzjali oħra.
2. Malta għandha tiddiversifika s-sorsi tal-importazzjoni, ir-rotot tat-trasport u l-forniturи tagħha, sabiex l-ebda pajjiż jew grupp ta' pajjiżi ma jkollu influwenza ekonomika sproporzjonata fuq Malta.
3. Għandu jingħata aktar appoġġ lil oqsma strateġiċi u ekonomikament sostenibbli, fosthom:

- l-agrikoltura;
- is-sajd;
- l-akkwakultura;
- l-ipproċessar tal-ikel;
- l-enerġija rinnovabbli;
- is-sigurtà tal-provvista tal-ilma;
- il-produzzjoni domestika ta' prodotti essenzjali.

4. Għandu jinżamm pjan nazzjonali ta' kontinġenza għal sitwazzjonijiet fejn Malta tkun soġġetta għal pressjoni ekonomika minn barra.

5. Ir-riżervi strateġiċi għandhom jiġu awditjati regolarment.

Proposta 3 - Newtralità Kredibbli Permezz ta' Difiża Nazzjonali

1. Malta għandha żżomm in-newtralità tagħha filwaqt li ssaħħaħ gradwalment il-kapaċità tagħha għal difiża nazzjonali indipendenti u ta' deterrenza;

2. L-infiq fid-difiża għandu jagħti prijorità lil kapaċitajiet li jagħmluha aktar diffiċli għal Stat barrani li jimponi r-rieda tiegħu fuq Malta jew juża t-territorju Malti mingħajr awtorizzazzjoni, fosthom:

   - sorveljanza marittima
   - sorveljanza tal-ispazju tal-ajru
   - ċibersigurtà
   - kapaċitajiet kontra d-drones
   - protezzjoni tal-portijiet u l-ajruport
   - protezzjoni internazzjonali tal-kejbils sottomarini konnessi ma' Malta
   - protezzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija
   - kapaċità għal mobilizzazzjoni rapida

3. Il-Gvern għandu jwettaq evalwazzjonijiet regolari sabiex jiddetermina l-kapaċitajiet minimi ta' difiża meħtieġa biex in-newtralità ta' Malta tkun kredibbli.

4. L-għan tat-tisħiħ tal-kapaċità ta' difiża ta' Malta m'għandux ikun li Malta tipparteċipa fi gwerer barranin, iżda li jkollha l-kapaċità reali li tiddeċiedi b'mod indipendenti jekk u kif jintuża t-territorju tagħha.

5. Il-Gvern għandu jwettaq fuq bażi regolari, studji dwar kunflitti u konfrontazzjonijiet militari riċenti u attwali li fihom Stati iżgħar jew b'inqas riżorsi kellhom jaffaċċjaw Stati b'kapaċitajiet militari, ekonomiċi jew teknoloġiċi ferm akbar, sabiex jiġu identifikati lezzjonijiet rilevanti għad-difiża ta' Malta.

Proposti Membru Indipendenti Francesca Cilia

Proposta 1

Malta għandha taddotta politika aktar attiva ta' medjazzjoni internazzjonali.

L-artiklu 1(3) tal-Kostituzzjoni ma jqisx biss illi Malta hija newtrali, allura għandha tibqa indifferenti għall-kunflitti għaddejjin madwarha, iżda Malta għandha tkun medjatura bejn l-istati li jinsabu fil- kunflitti.

"Jrid attivament jilħaq il-paċi"

Malta għandha leħen fuq diversi frontieri internazzjonali differenti u ta' ċertu livell ta' qawwa. Malta għandha leħen fl-Unjoni Ewropeja, kif ukoll fil-Ġnus Magħquda - Malta għandha tuża dawn il-pjattaformi sabiex timbutta l-istrateġiji tagħha sabiex tintlaħaq il-paċi. Filwaqt li Malta tinkuraġġixxi il-paċi importanti li ma tkunx preġudikata lejn naħa jew oħra, indiskriminament jekk l-istati ta' madwarna ħadux naħa, in-newtralità hija s-saħħa li tgħaqqad għaliex in-naħat ma jħossuhomx ostrizzati u preġudikati. Iżda fl-istess ħin Malta għandha tkun kunfidenti u ma tibżax tikkundana ksurijiet tal-liġi fuq ebda naħat.

Malta għandha tkun forma ta' Red Cross iżda fin-negozjar - Malta għandha ġġib l-opportunità għad-diskussjoni u bażi għal-laqgħat.

Proposta 2

L-artiklu 1(3)(e) jirrikjedi li t-tieni parti tal-artiklu jinbidel kompletament.

Dan l-artiklu jinqara hekk:

(e) it-tarznari tar-Repubblika ta' Malta jintużaw għal skopijiet kummerċjali ċivili, iżda jistgħu wkoll jintużaw, f'limiti raġonevoli ta' żmien u għadd, għat-tiswija ta' bastimenti militari li jkunu tpoġġew f'qagħda li ma jistgħux jiġġieldu jew għall-bini ta' vapuri; u skont il-prinċipji ta' non-allineament l-imsemmija tarznari jiġu mċaħħda lill-bastimenti militari taż-żewġ superpotenzi.

Il-kuntest ta' dan l-artiklu jeħodna lura għall-Gwerra Bierda, fejn storikament Malta kienet il-post fejn eżattament f'Marsaxlokk, f'Diċembru tal-elf disgħa mija disgħa u tmenin, seħħet il-Malta Summit, fejn il-President tal-Istati Uniti George Bush u l-mexxej Sovjetiku Mikhail Gorbachev iltaqaw u formalment iddekjaraw il-waqfien tal-gwerra.

Dan il-kuntest huwa relevanti għax f'dik l-era kien hemm żewġ superpotenzi, iżda illum il-ġurnata dan imbidel. Filwaqt li l-Istati Uniti żammew l-istatus, illum il-ġurnata mhuwiex ċar min huma is-superpotenzi l-oħra. Hemm l-argument li ċ-Ċina hija superpotenza, jew forsi anke r-Russja. Apparti hekk dan l-artiklu jagħmel referenza għal-prinċipji ta' non-allineament, dan ukoll huwa terminu skadut

Sempliċiment huwa terminu antikwat li jaf jirrikjedi bidla għaliex il-liġi mhijiex statika iżda ħajja u għandha timxi maż-żminijiet.

Madanakollu, ta' min issir studju sabiex jiġi determinat hux ta' benefiċċju li jimbidel l-artikolu fil-Kostituzzjoni kompletament, jew ikunx aktar effiċjenti li jinkiteb dokument li jikkjarifika it-tifsir ta' dan l-artikolu.

Prototip ta' dan l-artikolu jinqara hekk:

(e) it-tarznari tar-Repubblika ta' Malta jintużaw għal skopijiet kummerċjali ċivili, iżda jistgħu wkoll jintużaw, f'limiti raġonevoli ta' żmien u għadd, għat-tiswija ta' bastimenti militari li jkunu tpoġġew f'qagħda li ma jistgħux jiġġieldu jew għall-bini ta' vapuri; u għall-protezzjoni ta' Malta bħala nazzjon l-imsemmija tarznari jiġu mċaħħda lill-bastimenti militari li jimponu riskju serju fuq il-gżejjer Maltin.

REŻOLUZZJONIJIET FUQ IT-TEMA

IL-BILANĊ BEJN IL-POPOLAZZJONI, L-INFRASTRUTTURA U L-AMBJENT

Proposti Partit Sostennibli

PILASTRU 1: L-Ambjent, il-Bijodiversità u l-Ippjanar Sostenibbli

Il-ħarsien tal-ambjent naturali u l-bijodiversità għandu jkun element ċentrali fil-politika ta' żvilupp ta' Malta. Il-pressjoni dejjem tikber fuq l-art, il-kosta u ż-żoni urbani teħtieġ ippjanar aktar sostenibbli, infurzar aktar effettiv u protezzjoni konkreta tal-ispazji naturali.

Għalhekk nippproponu li jiġu implimentati l-miżuri li ġejjin:

1. Mill-aktar fis possibbli, għandu jibda proċess legali sabiex il-gżira ta' Kemmuna tiġi stabbilita bħala park nazzjonali. Dan isir billi:

   1.1. Nippproponu li l-Gvern iwettaq reviżjoni legali u ambjentali tal-konċessjoni relatata ma' HV Hospitality f'Kemmuna, u juża kwalunkwe klawżola eżistenti fil-kuntratt, kif ukoll kull mekkaniżmu legali disponibbli, sabiex il-konċessjoni tiġi irtirata fl-interess pubbliku. Dan fid-dawl ukoll tal-fatt li l-gżira hija żona tan-Natura 2000 (MT0000017), Special Area of Conservation (SAC) kif ukoll Santwarju għall-Għasafar.

   1.2. Titwaqqaf awtorità awtonoma li timmaniġġja l-gżira, indipendenti minn awtoritajiet governattivi oħra bħall-Environment and Resources Authority (ERA), Malta Tourism Authority (MTA) u Gozo Tourism Authority (GTA).

   1.3. Jitwaqqaf 'hub' għall-monitoraġġ tal-bijodiversità, immexxi minn esperti gradwati fl-istudji naturali u ambjentali.

   1.4. L-ammont ta' nies li jżuru l-gżira jitnaqqas għal madwar 2,000 persuna kuljum, filwaqt li minbarra l-promozzjoni tagħha bħala destinazzjoni kostali, tiġi promossa wkoll bħala destinazzjoni ta' ekoturiżmu, b'sistema ta' ħlas għall-aċċess turistiku, u b'xejn għal residenti Maltin. Il-fondi akkumulati mit-turiżmu ser jiġu allokati favur it-tisbieħ, manutenzjoni, u rinovar tal-gżira.

   1.5. L-attivitajiet kummerċjali, bħal kiosks u deckchairs, jibqgħu possibbli iżda jkunu soġġetti għal kontroll aktar strett billi jinħarġu permessi mill-istess awtorità imsemmija fil-Klawola 1.2. L-awtorità imsemmija għandha d-dritt li tirrevoka l-permessi jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti ma jintlaħqux. Barra minn hekk, NOMA Island, li tista' toħloq riskju għal speċi protetti bħall-Garnija u ċ-Ċiefa minħabba t-tniġġis tad-dawl u tal-ħoss, għandha titneħħa mis-sit preżenti.

2. Nippproponu li minn Frar 2027 jiddaħħlu multi aktar ħorox għal illegalitajiet marbuta ma' bini f'żoni ODZ, u li bini illegali jitwaqqa'. Dan sabiex jigi protett l-ambjent naturali u l-kampanja Maltija u jiġu mħarsa wkoll l-ispazji użati mid-dilettanti.

3. Nippproponu li minn Ġunju 2027 jinfetħu u jiġu riġenerati spazji miftuħa f'żoni urbani b'mod li jħarsu l-bijodiversità lokali. Fejn possibbli, għandu jiġi evitat l-użu eċċessiv tal-konkos u jintużaw materjali porużi li jiffaċilitaw il-filtrazzjoni tal-ilma. F'żoni pedonali urbani għandhom jiġu introdotti wkoll tree planters, pereżempju fi Pjazza Kastilja, Pjazza San Ġorġ u Strada Merkanti fil-Belt Valletta.

4. Nippproponu li jkun hemm infurzar aktar strett fuq it-tniġġis akustiku u d-dawl fiż-żoni kostali, sabiex jiġu protetti l-ambjent naturali, il-bijodiversità u l-kwalità tal-ħajja tal-komunitajiet. Dan għandu jsir billi jiġi stabbilit kejl adekwat.

5. Nippproponu multi aktar ħorox u t-tneħħija tal-compliance certificate fejn ikun hemm twaqqigħ sħiħ, inklużi l-faċċati, ta' bini antik li juża l-ġebla Maltija (franka). Dan sabiex jiġi mħares il-karattru arkitettoniku u storiku tal-lokalitajiet Maltin.

PILASTRU 2: Ippjanar, Infrastruttura u Żvilupp Responsabbli

L-iżvilupp ekonomiku u urban għandu jimxi id f'id mal-kapaċità infrastrutturali tal-komunitajiet. L-ebda żvilupp ma għandu jiġi kkunsidrat b'mod iżolat meta l-effett tiegħu jista' jinħass fuq it-toroq, it-trasport, l-ilma, l-elettriku, id-drenaġġ u s-servizzi pubbliċi.

Għalhekk nippproponu li:

1. B'effett mill-bidu tas-sena 2027, kull żvilupp maġġuri jkun soġġett għal valutazzjoni obbligatorja tal-kapaċità infrastrutturali taż-żona qabel ma jingħata l-permess meħtieġ.

   1.1. Għandu jiġi introdott Infrastructure Capacity Certificate, maħruġ minn taħlita bejn il-Kunsill Lokali, il-Planning Authority (PA) u l-Environment and Resources Authority (ERA), fejn il-Kunsill Lokali jkollu 50% tal-piż tad-deċiżjoni, filwaqt li l-PA u l-ERA jkollhom 25% kull wieħed. Fil-każ ta' "deadlock", il-Kunsill jingħata vot deċiżiv.

   1.2. Qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat għandha ssir valutazzjoni teknika u komprensiva tal-infrastruttura eżistenti fil-lokalità u fiż-żona direttament affettwata mill-iżvilupp propost. Din għandha tinkludi, fost l-oħrajn, in-network tat-toroq u t-traffiku, it-trasport pubbliku, il-provvista tal-ilma u tal-elettriku, id-drenaġġ, l-immaniġġjar tal-ilma tax-xita u infrastruttura pubblika essenzjali oħra.

   1.3. Ebda żvilupp maġġuri ma għandu jiġi approvat mingħajr ma jiġi stabbilit, fuq bażi

teknika u oġġettiva, li l-infrastruttura tal-madwar għandha kapaċità adegwata sabiex tassorbi d-domanda addizzjonali.

1.4. Fejn jiġu identifikati nuqqasijiet fil-kapaċità infrastrutturali, l-iżviluppatur għandu jkun obbligat jiffinanzja jew jikkontribwixxi għall-miżuri infrastrutturali meħtieġa qabel jew bħala kundizzjoni għall-iżvilupp.

1.5. Il-prinċipju għandu jkun li l-iżvilupp jimxi id f'id mal-kapaċità infrastrutturali tal-lokalità, u mhux il-lokalità tkun kostretta tadatta ruħha għall-iżvilupp wara li dan ikun diġà seħħ.

2. Nipproponu li l-Gvern Lokali jistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u stħarriġ annwali dwar it-tkabbir u l-iżvilupp tal-lokalitajiet. Fejn lokalità tirreġistra tkabbir ta' aktar minn 5%, skont kriterji u indikaturi stabbiliti minn qabel, għandha tiġi attivata awtomatikament valutazzjoni komprensiva tal-kapaċità infrastrutturali tal-lokalità.
Din il-valutazzjoni għandha tinkludi wkoll l-effett kumulattiv tat-tkabbir fuq l-infrastruttura nazzjonali, inklużi t-toroq u l-mobilità, it-trasport pubbliku, id-drenaġġ, il-provvista tal-ilma u tal-elettriku, l-immaniġġjar tal-iskart u s-servizzi pubbliċi essenzjali.

3. Nipproponu l-introduzzjoni ta' Cumulative Development Rule, sabiex l-applikazzjonijiet għall-iżvilupp ma jibqgħux jiġu evalwati waħda waħda biss. Għandu jitqies ukoll l-impatt aggregat tal-permessi approvati, pendenti u proposti fl-istess żona, sabiex jiġi indirizzat l-effett li ħafna proġetti iżgħar jistgħu joħolqu pressjoni kbira flimkien.

4. Nipproponu li jiġu introdotti multi u pieni aktar ħorox għal sidien, żviluppaturi u kuntratturi li jibdew proġett qabel ma tiġi aċċettata l-applikazzjoni jew waqt li jkun hemm oġġezzjoni pubblika valida. Fejn ikun hemm ksur serju, għandhom jiġu kkunsidrati proċeduri kriminali, multi proporzjonati mal-valur tal-proġett u sospensjoni tal-liċenzji rilevanti.

5. Nipproponu riforma fil-governanza tal-Planning Authority (PA) u tal-Environment and Resources Authority (ERA) sabiex tissaħħaħ l-indipendenza, it-trasparenza u l-kontabilità tagħhom u jitnaqqas ir-riskju ta' kunflitti ta' interess jew influwenza mhux xierqa minn interessi privati.

PILASTRU 3: Mobilità, Trasport u Infrastruttura Urbana

Sistema ta' mobilità sostenibbli għandha tnaqqas il-konġestjoni, ittejjeb l-aċċessibilità u tagħmel it-trasport alternattiv għall-użu tal-karozza privata aktar attraenti.

Għalhekk nippropponu li

1. Minn Ġunju 2027 jiżdied l-investiment fit-trasport pubbliku u fl-infrastruttura. Dan billi:

   1.1. Jiżdiedu l-vetturi tat-trasport pubbliku f'żoni fejn hemm l-ogħla domanda sabiex jitnaqqas l-iffullar eċċessiv.

   1.2. Jiżdiedu r-rotot tat-trasport pubbliku sabiex is-servizz ikun aktar effiċjenti, speċjalment fir-rigward tal-ħinijiet ta' stennija u tal-ivjaġġar.

   1.3. Jiżdied in-numru ta' karozzi tal-linja awtonomi fit-toroq u jiġi estiż is-servizz għal vetturi tad-daqs tal-karozzi tal-linja preżenti fit-toroq prinċipali, filwaqt li vetturi iżgħar jintużaw f'toroq sekondarji.

   1.4. Jiżdied in-numru ta' bike lanes sabiex jinħoloq network integrat li jgħaqqad lokalitajiet differenti, minflok bike lanes iżolati. Dan għandu jibda bi proġett pilota li jgħaqqad żewġ lokalitajiet kbar b'mod li ma jaffettwax b'mod sproporzjonat il-kapaċità tat-toroq Maltin.

   1.5. Jiżdiedu s-siġar fit-toroq Maltin u jiġi introdott aktar il-kunċett ta' "avenue landscape" fi spazji urbani fejn ikun possibbli, sabiex jitnaqqas l-impatt tal-"urban heat island effect".

2. Nippropponu li minn Settembru 2027 kumpaniji privati li għadhom ma joffrux teleworking jingħataw inċentivi sabiex isaħħu l-infrastruttura meħtieġa għat-teleworking, u b'hekk il-ħaddiema jkollhom l-għażla li jaħdmu mid-dar fejn in-natura tax-xogħol tippermetti dan. Dan sabiex titnaqqas il-konġestjoni kkawżata mill-ivvjaġġar ta' kuljum bejn id-dar u l-post tax-xogħol.

3. Nippropponu li jiġu kkunsidrati kriterji ta' eliġibilità għas-sewqan għal persuni li jkunu għadhom kemm ġew jgħixu f'Malta, inkluż rekwiżit ta' residenza minima, wara studju dwar l-impatt fuq il-mobilità, is-sikurezza fit-toroq u s-sistema tat-trasport.

PILASTRU 4: Enerġija, Tibdil fil-Klima u Sostenibbiltà

Malta għandha tkompli timxi lejn ekonomija aktar sostenibbli u enerġija aktar nadifa, filwaqt li tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u tinvesti f'teknoloġiji ġodda.

Għalhekk nippropponu li:

1. Sat-tmiem tas-sena 2027 jibda proċess sabiex tiżdied l-enerġija rinnovabbli, b'mod li tikkumplimenta l-missjoni ta' Malta lejn "net-zero greenhouse gas emissions" sal-2050 u tnaqqas id-dipendenza fuq l-LNG.

   1.1. Jibda proċess ta' installazzjoni ta' turbini tar-riħ żgħar f'żoni rurali, wara studji li jiggarantixxu li l-proġetti ma jikkawżawx ħsara ekoloġika.

   1.2. Titnieda skema għall-installazzjoni ta' pannelli solari fuq żoni ta' parkeġġ, inklużi żoni ta' stennija għall-karozzi fiċ-Ċirkewwa u l-Imġarr, Għawdex, sabiex jipprovdu dell filwaqt li jiġġeneraw l-enerġija.

   1.3. Fejn ikun hemm potenzjal tekniku u ekonomiku, jiżdied l-investiment f'teknoloġiji ġodda ta' Grid Batteries (BESS), inklużi sistemi li jużaw teknoloġija bbażata fuq is-sodju.

2. Nipproponu li mill-bidu tas-sena 2028 titnieda skema finanzjarja sabiex jissaħħaħ il-kunċett ta' Green Roofs fuq postijiet tax-xogħol fejn dan ikun teknikament possibbli. Barra minn hekk, għandu jiġi promoss il-kunċett ta' Green Facades fuq binjiet tal-Gvern u privati.

PILASTRU 5: Saħħa, Kwalità tal-Ħajja u Ġustizzja Soċjali

Il-politika ambjentali u infrastrutturali għandha tħares ukoll is-saħħa u l-benesseri tal-komunitajiet. Fl-istess ħin, is-servizzi tas-saħħa għandhom ikunu aċċessibbli u kapaċi jlaħħqu mad-domanda dejjem tikber.

Għalhekk nipproponu li:

1. Minn Ġunju 2027 jingħataw indoor filters għal ventilaturi u pollutant filter screens għat-twieqi, kif ukoll appoġġ għall-aċċess għal mediċini relatati ma' kundizzjonijiet respiratorji, lil residenti li jgħixu f'buffer zone ta' bejn 0–500 metru minn barrieri u impjanti tat-tarmak. Dan sabiex jitnaqqas ir-riskju għas-saħħa respiratorja u l-piż finanzjarju relatat ma' espożizzjoni għal trabijiet u emissjonijiet.

2. Nipproponu li jissaħħaħ is-settur tas-saħħa f'Malta billi:

   2.1. Jinħolqu inċentivi sabiex jiżdied l-ammont ta' studenti fil-mediċina u, b'mod partikolari, fin-nursing, sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema fl-isptarijiet ta' pajjiżna.

2.2. Jinħolqu bereġ f'lokalitajiet imbiegħda li joffru servizzi mediċi mingħajr il-bżonn ta' appuntament, sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq l-isptar Mater Dei u l-polikliniki.

2.3. Jiddaħħal kors preparatorju ta' sena fl-Università għal studenti li ma jkunux kisbu l-marki meħtieġa biex jidħlu fil-kors tal-mediċina. Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat it-tneħħija tan-numerus clausus għad-dħul fil-kors tad-dentistrija.

3. Nippropponu li jiddaħħlu vouchers ta' sitt xhur għal stabbilimenti li joffru attivitajiet fiżiċi, sabiex jiġi estiż il-kunċett ta' sitt xhur b'xejn ta' gym memberships għal forom differenti ta' attività fiżika.

PILASTRU 6: Żgħażagħ, Ekonomija, Ħaddiema u Komunità

Il-politika ekonomika għandha tfittex bilanċ bejn il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, l-investiment fit-teknoloġija, il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali.

Għalhekk nippropponu li:

1. Mill-bidu tas-sena 2028 jiddaħħal mekkaniżmu ta' taxxa progressiva fuq proprjetajiet residenzjali vojta, sabiex nikkoraġġixxu l-użu effettiv tal-proprjetà u jiġu ġġenerati fondi għall-akkomodazzjoni.
   Il-proprjetà titqies bħala vojta jekk tkun ilha mhux użata għal aktar minn 12-il xahar, skont kriterji relatati mar-residenza, il-konsum tal-ilma u l-elettriku u l-eżistenza ta' kuntratt ta' kiri attiv u rreġistrat.

   It-taxxa tiżdied progressivament:
   - Sena 1: 0%;
   - Sena 2: 0.5%;
   - Sena 3: 1%;
   - Sena 4: 2%;
   - Sena 5 u sussegwenti: 3.5%.

   Apparti l-kundizzjonijiet proposti fuq, il-gvern, permezz ta' liġi, għandu d-dritt li jikseb it-titolu ta' propjetajiet b'titoli dubjużi jew mhux stabbiliti wara sentejn mis-sejħa li tinħareġ fuq il-gazzetta tal-gvern.

   Flimkien ma' dawn, sidien illi jikkonformu billi jħallsu t-taxxa imposta, però għandhom propjetà li qegħdha fi stat ta' telqa b'mod li tista' tikkawża periklu jew li tkerrah l-ambjent ta' madwarha se jiġu infurzati biex jirrestawraw il-propjetà fi żmien sentejn. Jekk dan ma jsirx, il-gvern jeżerċita dritt li jixtri l-propjetà bi prezz ridott.

Individwi li jonoraw il-ħlas tat-taxxa għandhom jiġu meqjusin bħala s-sidien tat-titolu tal-propjetà.

2. Għandhom jiġu previsti eżenzjonijiet għal każijiet bħal kura fi djar tal-anzjani, litigazzjoni dwar wirt jew titolu ta' sjieda, u xogħlijiet ta' rinovazzjoni li jkunu koperti minn permess validu, sa massimu ta' 24 xahar.
   Id-dħul kollu minn din it-taxxa għandu jiġi allokat għal Fond Nazzjonali għall-Akkomodazzjoni, li jintuża għal skemi favur first-time buyers u proġetti ta' riġenerazzjoni ta' bini antik f'żoni UCA.

3. Nippropponu li mill-bidu tas-sena 2027 jingħata stipendju lil żgħażagħ involuti f'eNGOs li jieħdu sehem f'attivitajiet ta' volontarjat relatati mal-konservazzjoni ambjentali. Dan sabiex jiżdied l-interess tal-ġenerazzjoni żagħżugħa fil-volontarjat ambjentali filwaqt li jissaħħu l-isforzi ta' konservazzjoni ambjentali f'pajjiżna.

4. Nippropponu li minn Ġunju 2027 jiżdied l-investiment f'teknoloġiji moderni, inklużi AI u IoT, sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq ħaddiema barranin f'setturi fejn ċerti kompiti jistgħu jiġu awtomatizzati, inklużi negozji kummerċjali u t-trasport. Eżempji jinkludu self-checkout fis-supermarkets u sistemi awtomatizzati fl-ajruport.

5. Nippropponu li minn Jannar 2028 jiġi introdott mekkaniżmu ta' ppjanar tal-ħaddiema barranin skont is-settur, permezz ta' limitazzjonijiet fuq il-working visas fejn ikun meħtieġ. Dan għandu jsir wara studju indipendenti dwar il-ħtiġijiet ta' kull settur, l-ammont ta' ħaddiema Maltin disponibbli u n-numru ta' ħaddiema barranin meħtieġa.

6. Nippropponu li kull stabbiliment kummerċjali jkun obbligat bil-liġi jinkludi sinjali u informazzjoni kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, sabiex tissaħħaħ il-preżenza tal-lingwa Maltija fl-ispazju pubbliku u kummerċjali.

Proposti Partit L-Artisti tal-Futur

Taqsima A - Infrastruttura u Ambjent

Tined Solar fuq Żoni ta' Parkeġġ

1.1. Għandu jsir studju nazzjonali dwar l-istallazzjoni tal-Tined Solari fuq żoni ta' parkeġġ madwar Malta u Għawdex.

1.1.1. L-istudju għandu jeżamina l-aspett tekniku, ambjentali, ekonomika ta' din il-miżura sabiex minn dan l-istudju jiġi stabbilit liema daqsijiet ta' parkeġġ għandhom ikunu soġġetti għal dan l-obbligu, kemm mill-parkeġġ għandu jkun mgħotti, kif għandha tiġi ffinanzjata l-inizjattiva u kif għandha tiġi implimentata. L-istudju għandu jqis ukoll siti storiċi, sabiex jiġi żgurat li l-installazzjoni tat-tined ma tagħmilx ħsara lill-karattru jew lill-valur ta' dawn il-postijiet.

1.2. L-istudju għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li għandhom japplikaw għaż-żoni ta' parkeġġ skont id-daqs tagħhom u kemm ikunu adattati għall-installazzjoni tat-tined solari.

1.2.1. Żoni ta' parkeġġ iżgħar għandhom jiġu mħeġġa jinstallaw tined solari permezz ta' inċentivi mill-Gvern. (Id-daqs eżatt għandu jiġi stabbilit mill-istudju).

1.2.2. Żoni ta' parkeġġ akbar u xierqa għandhom ikunu obbligati jinstallaw tined solari, b'appoġġ finanzjarju xieraq mill-Gvern. (Id-daqs eżatt għandu jiġi stabbilit mill-istudju).

1.3. Dan l-obbligu għandu japplika għaż-żoni tal-parkeġġ kollha (kemm dawk eżistenti, kif ukoll dawk ġodda jew li qed jiġu rinovati). It-tined solari għandhom jipprovdu dell u protezzjoni mix-xemx u mit-temp, filwaqt li ż-żona tkompli tintuża għall-parkeġġ.

1.3.1. Jekk persentaġġ (li jiġi stabbilit mill-istudju) taż-żona tal-parkeġġ tkun mogħtija bis-siġar (qabel ma tidħol fis-seħħ din il-miżura), din iż-żona għandha tiġi eżenta minn dan l-obbligu.

1.3.2. Jekk żona tal-parkeġġ diġà jkollha t-tined tal-panelli solari, din iż-żona għandha tiġi eżenta minn dan l-obbligu.

1.4. L-elettriku ġġenerat mit-tined solari għandu jintuża l-ewwel mill-faċilità jew min-negozju fejn ikunu installati. Fejn ikun hemm il-faċilità għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi, l-elettriku żejjed għandu jintuża għall-iċċarġjar tagħhom. Kwalunkwe elettriku li jibqa' għandu jiġi mgħoddi lill-grid nazzjonali tal-elettriku.

1.5. L-istudju għandu jistabbilixxi f'liema każijiet tista' tingħata eżenzjoni mill-obbligu, bħal meta jkun hemm diffikultajiet tekniċi jew riskju ta' ħsara lill-ambjent, inkluż f'Żoni ta' Konservazzjoni Urbana (UCAs), żoni ambjentali sensittivi u żoni ta' wirt kulturali.

1.6 Għat-tindif tat-Tined tal-Panelli Solari u manutezzjoni bażika għandhom jiġu attwati min-negozju filwaqt li għal ħsarat ikbar għandhom jiġu ssusidjati (numru eżatti għandu jiġi deċiż mill-istudju) mill-gvern.

Ħlas ta' Parkeġġ f'Żoni sinifikanti ta' traffiku u parkeġġ

1.7. Għandha tiġi introdotta sistema ta' ħlas għall-parkeġġ f'żoni li għandhom livell għoli ta' attività turistika u/jew problemi sinifikanti ta' traffiku u parkeġġ.

1.8. Il-Gvern għandu jwettaq studju jew valutazzjoni qabel ma żona tiġi magħżula bħala żona fejn japplika l-ħlas għall-parkeġġ.

1.9. Il-Kunsilli Lokali għandhom ukoll jingħataw il-poter li jipproponu żoni għal din is-sistema. Għandha wkoll issir konsultazzjoni pubblika mal-komunità lokali, mal-partijiet konċernati u NGos diversi kkonċernati fost oħrajn qabel ma tiġi introdotta s-sistema, u l-Gvern jieħu d-deċiżjoni finali abbażi tal-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet taż-żona.

1.9.1. Ir-residenti u l-ħaddiema fiż-żona għandhom ikunu eżenti mill-ħlas għall-parkeġġ.

1.9.2. Persuni b'diżabilità, vetturi ta' emerġenza waqt li jkunu qed jaqdu d-dmirijiet tagħhom, u vetturi tas-servizz pubbliku waqt li jkunu qed iwettqu xogħol uffiċjali għandhom ikunu eżenti mill-ħlas.

1.10. Il-ħlas għall-parkeġġ għandu jkun ħlas fiss, u l-ammont u t-tul ta' żmien li għalih japplika għandhom jiġu stabbiliti mill-Gvern skont il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet ta' kull żona.

1.11. Il-ħinijiet li fihom japplika l-ħlas għandhom jiġu stabbiliti mill-Gvern skont id-domanda għall-parkeġġ, il-livell tat-traffiku u l-attività turistika fiż-żona.

1.12. Id-dħul miġbur minn din is-sistema għandu jingħata lill-Kunsill Lokali sabiex jiġi nvestit lura fil-komunità.

1.13. Il-Kunsill Lokali għandhom jiddeterminaw l-aktar sistema xierqa ta' ħlas u infurzar għal kull żona, filwaqt li jqis l-ispiża, il-faċilità għall-utent u l-effettività tas-sistema.

1.14. L-effetti tas-sistema għandhom jiġu msegwija regolarment, inkluż l-effett fuq it-traffiku, id-disponibbiltà tal-parkeġġ, iż-żoni residenzjali ta' madwarha, in-negozji u l-ambjent. Fejn ikun meħtieġ, il-Gvern għandu jkun jista' jaġġusta l-ħlasijiet, il-ħinijiet jew aspetti oħra tas-sistema.

1.15 Qabel ma' tidħol fis-seħħ din il-miżura għandu jkun hemm titjib sostanzjali fit-trasport pubbliku sabiex il-pubbliku jiġi mħeġġeġ juża t-trasport pubbliku.

Rikonoxximent Ambjentali għan-Negozji

1.16. Għandu jiġi introdott rikonoxximent għal negozji li joffru jew jużaw servizzi ta' delivery li jirrispetta l-ambjent, sabiex jiġu mħeġġa jnaqqsu l-impatt tagħhom fuq l-ambjent.

1.17. Il-Gvern għandu jistabbilixxi kriterji li n-negozji għandhom jilħqu biex jiksbu dan ir-rikonoxximent, filwaqt li jqis it-tip u d-daqs tan-negozju. Il-kriterji għandhom jiffukaw b'mod partikolari fuq it-tnaqqis fit-traffiku u t-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-vetturi użati għad-delivery.

1.17.1. In-negozji lokali li jiksbu dan ir-rikonoxximent għandhom ikunu eliġibbli għal inċentivi fit-taxxa mill-Gvern, bil-forma u l-ammont ta' dawn l-inċentivi jiġu stabbiliti mill-Gvern filwaqt li jinagħtalhom id-dritt li juru li kisbu dan ir-rikonoxximent mal-konsumatur, ħalli l-konsumatur jkun konxju li dan n-negozju lokali huwa pro-ambjent ("*Eco-friendly*").

1.17.2 In-negozji internazzjonali li jiksbu dan ir-rikonoxximent jinagħtalhom id-dritt li juru li kisbu dan ir-rikonoxximent mal-konsumatur, ħalli l-konsumatur jkun konxju li dan n negozju internazzjonali huwa pro-ambjent ("*Eco-friendly*").

1.17.3. Korp indipendenti awtorizzat għandu jivverifika jekk in-negozji jissodisfawx dawn il-kriterji.

1.18. Ir-rikonoxximent għandu jiġi rivedut regolarment, bil-frekwenza ta' din ir-reviżjoni tiġi stabbilita mill-Gvern. Jekk negozju ma jibqax jissodisfa l-kriterji, dan ir-rikonoxximent jista' jiġi rtirat, u n-negozju ma jibqax eliġibbli għal inċentivi fit-taxxa.

1.19. Il-Gvern għandu jevalwa regolarment kemm l-iskema qed tkun effettiva u x'impatt ekonomiku qed ikollha, u jagħmel il-bidliet meħtieġa fejn ikun hemm bżonn.

L-Effetti fuq is-Saħħa Mentali wara li jiġu implementati dawn il-miżuri

1.20. L-ambjent li fih jitgħallmu l-istudenti għandu rwol importanti fil-benesseri tagħhom. Skola nadifa, sigura, organizzata u komda tista' tagħti lill-istudenti sens ta' stabbiltà u trankwillità. Għalhekk, għandhom isiru sforzi biex il-klassijiet ikunu adattati għall-ħtiġijiet tal-istudenti u biex jitnaqqsu problemi bħal storbju eċċessiv, iffullar u nuqqas ta' spazju.

1.21. L-iżvilupp eċċessiv u l-bini ta' numru kbir ta' appartamenti jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' parks, ġonna u spazji naturali. Dan jista' jżid it-traffiku u l-istorbju u jnaqqas l-ispazji fejn in-nies, speċjalment iż-żgħażagħ, jistgħu jirrilassaw, jimxu u jqattgħu ħin barra.

1.22 Djar siguri, komdi u adegwati huma importanti għall-kwalità tal-ħajja. Għandha tingħata aktar attenzjoni biex l-akkomodazzjoni tkun ta' kwalità u ma tkunx iffullata żżejjed. Ambjent residenzjali tajjeb jista' jagħti lill-familji u liż-żgħażagħ aktar sens ta' sigurtà u stabbiltà.

1.23. Għandu jkun hemm aktar spazji fejn iż-żgħażagħ jistgħu jqattgħu l-ħin tagħhom b'mod pożittiv. Ċentri taż-żgħażagħ, faċilitajiet sportivi, libreriji, pjazez u ċentri komunitarji jistgħu jipprovdu opportunitajiet għal attivitajiet, tagħlim u soċjalizzazzjoni. Dawn l-ispazji jistgħu jgħinu wkoll biex tissaħħaħ ir-rabta bejn iż-żgħażagħ u l-komunità tagħhom.

1.24. Parks, ġonna, żoni naturali, tracks tal-mixi u faċilitajiet sportivi għandhom ikunu faċilment aċċessibbli għall-komunità. Dawn jagħtu lill-persuni, speċjalment liż-żgħażagħ, l-opportunità li jkunu attivi u jqattgħu aktar ħin barra. Għalhekk, għandu jkun hemm aktar investiment fil-ħolqien u l-manutenzjoni ta' spazji ħodor u sportivi.

1.25. L-iffullar u ż-żieda fit-traffiku jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja tal-komunità. Traffiku qawwi, vjaġġi twal, storbju u xogħol ta' kostruzzjoni jistgħu jagħmlu l-ħajja ta' kuljum aktar stressanti. Għalhekk, ippjanar aħjar tal-komunitajiet u trasport aktar effiċjenti jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu dawn il-problemi.

1.26. L-iffullar u ż-żieda fit-traffiku jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja tal-komunità. Traffiku qawwi, vjaġġi twal, storbju u xogħol ta' kostruzzjoni jistgħu jagħmlu l-ħajja ta' kuljum aktar stressanti. Għalhekk, ippjanar aħjar tal-komunitajiet u trasport aktar effiċjenti jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu dawn il-problemi.

Taqsima B - Trasport Pubbliku

Din il-proposta qiegħda tiġi mħejjija, għar-raġuni li taqdi l-bżonnijiet tal-poplu, u t-turiżmu ta' kwalità, fuq binarju iżjed effikaċi u li jaqdi l-poplu aħjar kif mistqarr. Il-viżjoni tinkorpora, taffetwa u tindirizza lil pajjiż kollu b'mod sħiħ. Għalhekk, qegħdin nipproponu kif ġej:

2.1. Nipproponu illi tiġi stabbilita sistema mlaqqma 'tallinja veloċi'. Din hija effetivament sistema ta' "bus rapid transit" fejn ikun hemm punti ta' konnessjoni mifruxin mal-gżejjer u jingħaqdu b'rotot diretti.

2.1.1.a. Is-sinsla tas-sistema għanda tkun magħmula minn sitt punti prinċipali, mlaqqmin "arterji", ta' konnessjonijet. li huma dawn:

i. Il-venda tal-Belt Valletta

ii. Il-'Park & Ride' ta' Ta' Qali

iii. L-ajruport u l-ex-venda tal-Y-plates

iv. 'Park & Ride' tal-Marsa

v. Il-Mellieħa ta' Bragġ

vi. Il-venda Tar-Rabat, Għawdex

2.1.1.b. Biex is-sinsla ma tkunx maħnuqa, għandhom jiġu stabbiliti ħames sotto-ċentri, kif ġej;

i. Ir-Rabat – Fejn Howard Gardens (Mdina)

ii. 'Park & Ride' ta' Pembroke

iii. Il-Venda tal-Università ta' Malta (Kif ukoll ta' Mater Dei)

iv. Il-Venda Taċ-Ċirkewwa

v. Iż-żona Industrijali ta' Ħal Far

vi. Sliema Ferries

2.1.2. Bħala parti mil-viżjoni, inżidu xi rotot biex jagħqdu dawn iċ-ċentri *:

a. Ċirkewwa Direct – (Ċirkewwa - Valletta)

b. Ħal Far Direct – (Ħal Far - Pembroke P&R)

c. Mdina Direct – (Rabat – Pembroke P&R)

d. Mdina Direct 2 – (Rabat – Ħal Far)

e. Valletta Direct (Valletta - Rabat)

f. Mellieħa Circular (Rotta Ċirkulari bejn iċ-Ċirkewwa, Maġġoranza tal-bajjiet fil-Mellieħa u ċ-ċentru tal-Mellieħa; tibda u tispiċċa Ta' Braġġ)

g. Park & Ride Circular (Rotta ċirkulari Bejn Il-park and rides ewlenin tal-pajjiż, fejn tibda u tispiċċa f'Ta' Qali).

ġ. Mġarr - Rabat – Marsalforn

għ. Mġarr – Sannat – Munxar (incl. Xlendi) - Għarb

*Il-Gvern għandu jevalwa regolarment kemm ir-rotot qed ikunu effettivi u x'impatt qed ikollhom, u jagħmel il-bidliet meħtieġa fejn ikun hemm bżonn.

2.1.3. Ir-rotot tat-Tallinja Veloċi għandhom preferebbiliment jgħaddu minn toroq fejn hemm minn tal-inqas żewġ karreġġati jew iżjed fuq kull naħa. Għal dawn il-karreġġati dedikati għandhom ikunu soġġetti għal infurzar serju u kontinwu. Min-naħa l-oħra, ir-rotot inklużi fis-sistema huma ta' 2.1.2a-e, g u ġ, flimkien mar-rotot diretti tal-ajruport, l-X299 u 300, dawk notturni u dawk tas-sistema 'TD', li ser jitqiesu bħala rotot f'din is-sistema.

2.1.3.1. Ir-rotot li huma bis-suffiss 'Direct' għandu jkollhom frekwenza ta' 5 minuti bejn kull tluq bejn 7:00-10:00 u 14:00-19:00 (fis-sajf sad-21:00) u kull 10 minuti fil-ħinijiet l-oħra.

2.1.3.2. Għar-rotot l-oħra imsemmija il-frekwenza għanda dejjem tibqa ta' 10 minuti bejn kull tluq.

2.1.3.3. Ir-rotot, imsemmija hawn fuq għandhom ukoll jieqfu ħdejn postijiet ta' importanza, bħal kliniċi, sptarijiet, għasses u servizzi importanti oħra.

2.1.4. Ir-rotot diġà eżistenti għandhom jinżammu l-istess u jaħdmu flimkien ma' dawn ir-rotot il-ġodda, sabiex insaħħu s-sistema preżenti.

2.1.5. L-infrastruttura tat-toroq ser tibqa' kważi l-istess, iżda tista' tiġi riformata, msewwija jew aġġornata skont il-bżonn. Skont l-istudji, wieħed għandu jinnota li dan jista' jiswa sa €30,000,000 fuq skala nazzjonali.

2.1.6. Minħabba ż-żieda ta' ammont fir-rotot u frekwenza jeħtieġ jaħseb għat-tkabbir fil-flotta, għalhekk, jinvesti f'dan li ġej:

2.1.6.1. 30 KingLong PEV7's għar-rotot ċirkulari

2.1.6.2. 50 Kinglong PEV12's għar-rotot diretti.

2.1.7. Għat-Tallinja Veloċi, jekk wieħed għandu "it-tallinja card" jista juża lilha, bl-istess sistema li tintuża bħalissa għat-tallinja direct (TD) bil-bilanċ. Minn naħa l-oħra, jekk m'għandekx il-card tista tuża b'biljett li jiswa €3.50 fix-xitwa u €4.50 fis-sajf. Kull biljett iservi għal 6 sigħat mix-xiri tiegħu.

2.1.8. Mira illi sal-2028, 70% tal-istages tat-tallinja ikunu mgħammrin b'postijiet għad-dell li imqar 50% ta' dawn il-waqfiet mgħottija jkunu ta' dell ipprovdut permezz ta' mezzi naturali bħas-siġar jew strutturi oħra xierqa għall-ambjent bħal panelli solari (fejn hu possibli). Kif ukoll bankijiet xierqa, fejn wieħed ipoġġi sakemm qed jistenna, flimkien mal-informazzjoni meħtieġa dwar ir-rotot li jpassu minn hemm.

2.1.9. Wara sena mill-introduzzjoni tar-rotot il-ġodda, għandhom isiru studji fuq il-frekwenza u popolarità tar-rotot kollha. Rotot li mhumiex popolari jistgħu jitneħħew, jiġu emendati kif meħtieġ, jew jiġu introdotti rotot ġodda (bħal dawk ċirkulari). Jekk ikun hemm karozzi tal-linja żejda, dawn għandhom jinbiegħu, jew inkella jinżammu għal skopijiet oħra fi ħdan l-entita'.

2.2. Għall-inkoraġġament tal-użu tar-rota minn età bikrija, miżuri biex jitkompla it-tnaqqis fit-traffiku, promozzjoni tas-saħħa mentali u fiżika aħjar u kif ukoll titejjeb l-kwalità tal-arja. Għalhekk, qed jiġi propost kif imiss:

2.2.1. Għandhom jiżdiedu''bike sheds' fl-iskejjel Maltin u Għawdxin fejn l-istudenti u l-għalliema jistgħu jħallu ir-rota tagħhom matul il-jum.

2.2.2. Tittejjeb is-sigurtà tal-mogħdijiet tar-roti. Dan japplika, kemm l-infrastruttura li diġà teżisti, kif ukoll permezz ta' tisħiħ għaż-żona dedikata fit-toroq għal din il-mogħdija.

2.3. Malta hija arċipelagu ta' gżejjer, u l-baħar huwa element importanti li hu parti integrali mill-ħajja tagħna. Għalhekk qedgħin nipproponu servizz ta' ferry ta' daqs mistħoqq ġdida fil-gżira Għawdxija, b'dan il-mod:

2.3.1 Għandu jsir studju li jevalwa l-possibilità ta' rotta ġdida tal-Fast Ferry mill-Belt Valletta għall-post alternativ mix-xatt tal-Mġarr, Għawdex.

2.3.2 Dan l-istudju għandu jqis l-aspetti ambjentali, infrastruturali, tekniku, il-ħlas tal-biljetti, fost affarijiet oħra.


2.3.3 Għandha ssir konstultazzjoni pubblika mal-Għawdxin, NGOs diversi, Kunsilli Lokali u partijiet konċernati oħra.

2.4 Għandha titħalla l-possibilità li sistema tal-metro/tram tiġi implementata bħala trasport tal-pubbliku tal-massa.

2.5. Trasport pubbliku effiċjenti u aċċessibbli jista' jnaqqas id-dipendenza fuq il-karozzi u jnaqqas l-istress relatat mat-traffiku. Barra minn hekk, huwa importanti li skejjel, ċentri tas-saħħa, faċilitajiet sportivi, libreriji u servizzi oħra jkunu faċilment aċċessibbli għaż-żgħażagħ u għall-komunità kollha.

*Il-Gvern għandu jevalwa regolarment kemm r-rotot qed ikunu effettivi u x'impatt qed ikollhom, u jagħmel il-bidliet meħtieġa fejn ikun hemm bżonn.

ANNESS I – Viżwalizzazzjoni tas-sistema 'Tallinja Veloċi'



<u>Taqsima Ċ - Work permits u residence permits għal TCNs (Third Country Nationals) u l-importanza ta' holders ta' kwalità.</u>

Il-livell tal-lingwi għall-permessi ta' ħaddiema:

3.1. Hemm bżonn li l-lingwi uffiċjali li huma l-Ingliż u l-Malti (skont l-Artiklu 5 ta' Kapitlu 1 tal-Kosituzzjoni ta' Malta) jkunu magħrufa f'livel ikkontrolat biex tiżdied il-fehma tagħna ma' kull persuna speċjalment fis-setturi tas-saħħa, turiżmu u tal-bejgħ. Nies li huma TCNs li jixtiequ japplikaw għal xogħol fil-gżejjer Maltin, skont liema permess se jintgħażel. Hemm bżonn tal-użu tal-CEFR (Common European Framework of Reference for Languages).

3.1.1. Single Permit – L-ewwel pass biex TCN japplika għal xogħol, huwa li dan jagħmel test biex persuna tintegra ruħha mal-ħajja soċjali Maltija. It-TCN għandu jgħaddi minn pre-departure test, li fih assignments u testijiet. Fosthom jseħħ orali tal-Ingliż fuq il-kontenut.

Il-proposta hi li jsir orali għal-livell tal-Malti u għandhom jiċċekjaw b'mod ta' identifikazzjoni uffiċjali li dik il-persuna li kitbet l-assigments, tkun l-istess persuna li poġġiet waqt l-oral.

3.1.1.2. Wara l-Pre Departure Test li jsir min kull applikant, għandhom jiddaħħlu testijiet u assessjar oħrajn fuq ħiliet rilevanti skont il-permess li TCNs jkunu applikaw għalih.

3.1.1.3. Kull test għandu jseħħ fiżikament u t-TCN għandu jkollu mod ta' identifikazzjoni uffiċjali. Jekk l-applikant ma jilħaqx il-livell mistħoqq, għandu jingħata żmien speċifiku sakemm jerġa' jagħmel l-eżami mill-ġdid. Qabel ma jgħaddi minn dan l-eżami ma jistax jingħata l-permess.

3.1.2. Employment Under 6 Months Permit – Liċenzja biex TCN jaħdem inqas minn sitt xhur. Hemm bżonn li kull ħaddiem, li jrid li jkollu permess tax-xogħol taħt sitt xhur, ikollu livell A2 fil-Malti jew Ingliż.

3.1.3. Self Employment Permit – Liċenzja biex TCN jaħdem għal rasu għal sena jew jista jiġġedded għal tlett snin oħra.

Hemm bżonn li biex jikseb din il-liċenzja TCN għandu jġib livell ta' B2 fil-Malti jew l-Ingliż jew aħjar.

3.1.4. Blue Card Permit – Liċenzja biex TCN jaħdem bħala professjonista jew akkademiku filwaqt li jkollu l-permess biex jgħix f'Malta sa kemm jkollu miktub il-kuntratt u sa tlett xhur aktar li jkun inklużi fil-permess.

Hemm bżonn li ħaddiem li jixtieq ikollu l-Blue card fix-xoghol minħabba l-kwalifiċi jrid ikun mistenni li jew fil-Malti jew fl-Ingliż jkollu mill-inqas livell C1.

3.1.5. Intra-Corporate Transferee Permit – Permess li jingħata meta kumpanija tibagħat lill-ħaddiema biex jaħdmu f'Malta għal ammont ta' żmien li mhux speċifikat minn Identità.

Peress li ż-żmien stipulat u l-pożiżżjoni ta' kull ħaddiem hija diġa magħżula mill-privat, il-livell tac-CEFR meta jinħareġ il-permess, għandu jkun miktub mill-ewwel u tal-anqas għandu jkun livell ta' B2.

3.1.6. Fis-settur tas-Saħħa u l-Edukazzjoni hemm bżonn ta' livell bażiku ta' l-lingwa tas-sinjali Maltija jew l-ASL. Dan għandu jkun obbligatorju għal ċertu

postijiet fejn din il-lingwa trid tintuża u nissuġerixxi li l-Gvern Malti jagħti nċentivi biex il-ħaddiema tiegħu jitgħallmu wkoll il-lingwa tas-sinjali.

Sabiex Malta tkun aktar kompettitiva u b'hekk tkun f'livell aktar b'saħħtu f'ħaddiema mħarrġa u ta' ħiliet f'ekonomija tal-lum, għandhom jiddaħħlu dawn il-livelli tal-lingwi biex il-ħaddiema li jiġu jkunu ta' kwalità u dawk li verament għandu bżonn il-pajjiż. B'dal-mod Malta tkun qed tibbenifika minn ħaddiema ta' kwalità li joffru għajnuna lill-pajjiż u ma jkunux ta' piż fuq l-ekonomija ta' Malta.

3.2. Malta għandha taħdem biex fil-pajjiż jiġu turisti ta' kwalità aktar milli l-kwantità. Fir-realtà turisti ta' kwalità jistgħu jkabbru l-ekonomija bl-istess ammont ta' meta jdaħħal kwantità ta' turisti. Id-differenza tkun li s-setturi tal-infrastruttura, t-trasport u servizzi jkun hemm inqas domanda għalihom u dan jwassal biex filwaqt li titkabbar l-ekonomija, id-densità tal-popolazzjoni ma tbatix.

3.2.1. Malta għandha tirriklama lilha nnifsha aktar għall-istorja u l-kultura milli bħala gżira ta' divertiment. B'dan il-mod tiġbed lejn pajjiżna turisti aktar ta' kwalità.

3.2.2. Tajjeb li l-pajjiż jirriklama lilu nnifsu mhux biss għax-xhur tas-sajf iżda wkoll għax-xhur tas-sena kollha. B'hekk it-turist jiġi f'pajjiżna matul ix-xhur kollha u mhux kulħadd jiġi fl-istess perjodu.

3.2.3. Hemm bżonn li jsir sforz biex Malta ssir destinazzjoni fejn isiru konfernzi ta' livell għoli.

3.2.4. Hemm bżonn li jkollna turisti li jiġu f'pajjiżna minħabba attivitajiet sportivi. Eżempju: jisaħħaħ t-turiżmu tal-Golf, tal-Polo, tal-marittimu bħal tlielaq ta' jottijiet u turiżmu tal-għaddasa.

3.2.5. L-Agrituriżmu wkoll huwa settur li ta' min wieħed jaħdem fuqu u allura tajjeb li jingħata inċentiv biex il-bidwi u r-raħħal Malti jibda jagħti dan is-servizz u b'hekk jiġu turisti biex jgħixu l-agrikultura Maltija.

3.2.6. It-turiżmu Reliġjuż għandu wkoll jingħata prijorità. F'Malta kull fejn tħares tara xi knisja, kapella jew xi niċċa. Hemm bżonn ta' aktar ħidma biex nġibu turisti biex jesploraw l-attività reliġjuża tal-poplu Malti. Il-festi li tant huma popolari mal-Maltin, għandhom jkunu kalamità li jġibu lejn Malta turisti ta' kwalità, għalhekk jinħass il-bżonn li jsiru tours f'siti reliġjuzi, mixjiet marbuta mar-Reliġjon jew mat-tradizzjoni Reliġjuża u tours waqt il-festi. Il-Gvern għandu jimpenja ruħu aktar biex ikompli jgħin lill-knisja biex tieħu ħsieb dawn il-

monumenti sbieħ bħal knejjes, kapelli u artifatti oħra. Dan jista' jsir anki permezz ta' fondi miġjuba mill-Unjoni Ewropea. Tajjeb ukoll li l-Kunsill Lokali joħorġu skemi biex jgħinu lir-residenti jirrestawraw niċċeċ u simboli Reliġjużi oħra mhux biss li jinsabu f'Urban Conservation Area imma madwar il-lokal kollu.

3.2.7. F'dinja fejn is-saħħa u l-kożmetika huma importanti ħafna, wieħed għandu jesplora turiżmu marbut ma' dawn is-servizzi li jħallu ħafna flus fl-ekonomija tal-pajjiż.

3.2.8 Settur tat-turiżmu li rari jissemma huwa dak marbut mal-familji jiġifieri – Family friendly tourism. Ikun interessanti li f'Malta naraw attività li tkun tajba għall-familja kollha matul is-sena kollha u mhux f'xi żmien speċifiku. Malta għandha tirrikilama lilha nnfisha bħala destinazzjoni adattata għal-familji kolha.

3.2.9 F'dinja fejn il-Gaming huwa importanti, fejn tant żgħażagħ bħalna jqattgħu ħafna ħin fuq il-logħob bħala rilassament, jkun tajjeb li jinġiebu f'Malta tournaments internazzjonali li fihom jiġbdu udjenza żgħażugħa lejn pajjiżna u fl-istess ħin tkun ta' esperjenza għall-gamers Maltin. Ikun interessanti li kieku tkun Malta stess li torganizza dawn it-tournaments.

Filwaqt li nifhmu l-importanza kbira li Malta tkompli ssaħħaħ t-turiżmu, Malta għandha taħdem biex tnaqqas il-kwantità u żżid f'turiżmu ta' kwalità. B'dan il-mod Malta tkun qed issaħħaħ l-ekonomija, mingħajr ma tagħmel ħsara lilha nnfisha. Il-kwantità qed iġġib problemi kbar fuq l-infrastruttura tal-pajjiż, fuq is-sigurtà u bosta servizzi oħra. Meta wieħed jaħdem fuq turist ta' kwalità jonqsu dawn il-problemi, u allura l-pajjiż joħroġ anqas flus fuq l-infrastruttura tal-pajjiż, fuq is-sigurtà u bosta servizzi oħra filwaqt li jkollu l-istess dħul.

Taqsima D - Edukazzjoni U Ambjent

4. **Ġustifikazzjoni**: Ħafna rċivew l-ewwel tagħlim dwar il-mod kif inhi magħmula d-dinja waqt il-ħin tal-iskola. It-tfal u ż-żgħażagħ huma l-adulti ta' għada, u se jkunu responsabbli għall-futur kemm ta' dan il-pajjiż, kif ukoll tal-pjaneta sħiħa. Jekk huma jibdew jitgħallmu il-valur tal-ambjent u l-isbuħija naturali tagħna minn età tenera, hemm aktar ċans li se jikbru u jkomplu jippromwovu il-prinċipji ta' kuxjenza ambjentali. Hu għalhekk li dawn il-proposti għandhom jiġu kkunsidrati - għall-iżvilupp taż-żgħar ta' pajjiżna.

4.1. **Kif Se Nimmiraw Għall-Ambjent?**

4.1.1. F'suġġetti bħall-Ġografija u l-Istudji Ambjentali, għandu jkun hemm opportunitajiet għal tagħlim applikat kif ukoll teoretiku. Il-post ta' dawn il-lezzjonijiet għandu jkun iddeterminat mill-iskola nnifisha imma nissuġġerixxi li dawn ikunu jew fil-bitieħi, jew f'xi ġonna fil-qrib, jekk huma aċċessibli

għall-kulħadd, kif ukoll fl-abitat naturali. L-istess proċedura għandha ssir għal-lezzjonijiet tal-Edukazzjoni Fiżika.

4.1.2. Waqt dan il-perjodu tal-ġurnata, għandu jiġi diskuss mal-istudenti kif jistgħu jippromwovu u jipproritzzaw il-kuxjenza ambjentali f'ħajjithom individwali. Li jkunu konxji biss tal-problemi mhux biżżejjed. Hemm bżonn li jiġu offruti wkoll soluzzjonijiet li jistgħu jaddotaw huma stess.

4.2. **Eżempju Konkret**: Minflokk nitkellmu biss fuq il-konsegwenzi tal-ħela tal-ilma, għandhom jiġu mogħtija azzjonijiet faċli u sempliċi li jistgħu jieħdu biex jibdew jikkonservaw l-ilma u jipprattikaw stil ġdid ta ħajja.

4.3. L-amministrazzjonijiet edukattivi individwali għandhom huma wkoll isiru postijiet fejn l-ambjent jiġi mħares u jaħdmu id f'id mal l-istudenti għal dan l-għan. Diġà hemm sinjal ta' bidla, speċjalment fil-fatt li l-istudenti għandhom l-għazla li jiġu u jitilqu mill-iskola bir-rota, u jagħmlu użu mil-carpooling, imma biex din tippersisti bħala drawwa, il-bus lanes u postijiet ta' kenn għandhom ikunu siguri u protetti mill-elementi naturali. Tined u żoni attrezzati għar-roti jistgħu ikunu pass għall-aħjar f'dan l-aspett. Idea ġdida hi li tiġi introdotta sistema ta' buddies, fejn it-tfal tal-primarja u tas-sekondarja jistgħu jiġu akkumpanjati minn studenti oħrajn li jgħixu f'l-istess lokalità. Dan jagħti iktar inċentiva biex l-istudenti jiċċaqalqu u jipparteċipaw f'eżerċizzju fiżiku waqt li fl-istess ħin innaqsu l-effetti tal-exhaust fuq it-tniġġis tal-arja.

4.4. Kif Se Nilħqu lit-Tfal u ż-Żgħażagħ

4.4.1. Hemm bżonn ta' modi ta' tagħlim aktar flessibli u magħmulin biex kull student ikun jista jibqa' kunfidenti fit-tagħlim tiegħu. Stil fiss ta' tagħlim ma jesponihomx għall-approċċi differenti li jistgħu jkunu ta' benefiċju għalihom fil-futur. Għandu jkun hemm lok biex l-istudenti jinteraġixxu mal-kunċetti fil-klassi jwassal biex huma jipproċessaw l-informazzjoni.

4.5. **Eżempju Konkret**: Meta wieħed ikun qed jitgħallem lingwa barranija, aktar isir jaf fuqha jekk ikun possibli li jitkellimha hu stess milli biss jimmemorizza l-grammatika u l-istruttura tas-sentenzi.

4.6. Kemm l-istudenti kif ukoll l-edukaturi għandhom jiġu mħarrġa kif jgħarfu meta xi aħbar fuq il-midja soċjali, jew tal-massa, tkun mimlija informazzjoni fittizja jew "fake news" miktuba biex tiġbed l-attenzjoni. Dan għandu japplika għal kull suġġett li jirrelata mas-soċjetà.

4.7. **Suġġerimenti għall-kurrikulu**: Qari ta artikli minn sorsi diversi, dibattiti informali fuq il-ħarsien tal-ambjent jew il-mentalitajiet tan-nies dwar diversi fenomeni, u analisi ta'

testi miktubin min esperti, speċjalment waqt lezzjonijiet tal-lingwa, fejn temi bħal dawn sikwit issibhom waqt l-eżami oral

Taqsima E: Impatt ta' dawn il-Proposti fuq is-saħħa mentali u affarijiet oħra li qed jaffetwaw is-saħħa mentali

5.1. Pressjoni Akkademika u Ambjent tal-Iskola

Ambjent tal-iskola

L-ambjent li fih jitgħallmu l-istudenti għandu rwol importanti fil-benesseri tagħhom. Skola nadifa, sigura, organizzata u komda tista' tagħti lill-istudenti sens ta' stabbiltà u trankwillità. Għalhekk, għandhom isiru sforzi biex il-klassijiet ikunu adattati għall-ħtiġijiet tal-istudenti u biex jitnaqqsu problemi bħal storbju eċċessiv, iffullar u nuqqas ta' spazju.

5.2. Kostruzzjoni, Djar u Infrastruttura

Kostruzzjoni Eċċessiva u Nuqqas ta' Spazji Miftuħa

L-iżvilupp eċċessiv u l-bini ta' numru kbir ta' appartamenti jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' parks, ġonna u spazji naturali. Dan jista' jżid it-traffiku u l-istorbju u jnaqqas l-ispazji fejn in-nies, speċjalment iż-żgħażagħ, jistgħu jirrilassaw, jimxu u jqattgħu ħin barra.

Djar u Ambjent Residenzjali

Djar siguri, komdi u adegwati huma importanti għall-kwalità tal-ħajja. Għandha tingħata aktar attenzjoni biex l-akkomodazzjoni tkun ta' kwalità u ma tkunx iffullata żżejjed. Ambjent residenzjali tajjeb jista' jagħti lill-familji u liż-żgħażagħ aktar sens ta' sigurtà u stabbiltà.

Infrastruttura għaż-Żgħażagħ u l-Komunità

Għandu jkun hemm aktar spazji fejn iż-żgħażagħ jistgħu jqattgħu l-ħin tagħhom b'mod pożittiv. Ċentri taż-żgħażagħ, faċilitajiet sportivi, libreriji, pjazez u ċentri komunitarji jistgħu jipprovdu opportunitajiet għal attivitajiet, tagħlim u soċjalizzazzjoni. Dawn l-ispazji jistgħu jgħinu wkoll biex tissaħħaħ ir-rabta bejn iż-żgħażagħ u l-komunità tagħhom.

B’kollox, l-iżvilupp ta’ komunità m’għandux ikun ibbażat biss fuq kemm jinbnew bini u kemm jiżdiedu n-nies, iżda fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom. Edukazzjoni tajba, infrastruttura adegwata, spazji ħodor, ambjent nadif, trasport effiċjenti u opportunitajiet għal attività fiżika jistgħu jagħmlu differenza kbira fil-benesseri mentali.

Meta noħolqu komunitajiet li jagħtu prijorità mhux biss lill-progress, iżda wkoll lis-saħħa, is-sigurtà u l-kuntentizza tan-nies, inkunu qed nibnu ambjent fejn kulħadd jista’ jgħix b’mod aktar sigur u kuntent.

Dawn il-proposti kienu miktubin bit-tir li dawk f’pajjiżna li għandhom il-poter li jġibu l-bidla jagħtuhom widen. Jekk aħna bħala adulti futuri ser ngħixu f’Malta u Għawdex aħjar, mela dak li jikkonċernana għandu bżonn jiġi trattat b’importanza.

Proposti Membru Indipendenti Matthias Saliba

1) Il-popolazzjoni ġġib magħha effett fuq is-settur tat-trasport. Għalhekk huwa tajjeb li naddattaw is-sistema tat-trasport pubbliku għal popolazzjoni li tiġġenera ġid ekonomiku. Skont stħarriġ mid-dokument ta' konsultazzjoni tan-'National Transport Master Plan' li ħareġ fl-2025, 84% tat-traffiku fit-triq huwa jammonta għal traffiku ikkawżat minn vetturi privati. Għal din ir-raġuni, naturalment hemm il-bżonn li nagħmlu t-trasport pubbliku aktar effiċjenti sabiex jitnaqqsu l-ammont ta' vetturi privati fit-toroq Maltin.

    a) F'kull lokalità fil-gżejjer Maltin għandu jkun hemm ammont żgħir ta' minibuses elettriċi jagħmlu ronda biss mal-lokalità hekk kif jgħaddu minn toroq dojoq fir-raħal u jwasslu n-nies tal-post biex jagħmlu l-qadjiet tagħhom ġor-raħal mingħajr ma jkollhom għalfejn jużaw il-vetturi personali tagħhom biex jagħmlu dan. Din il-proposta tiggarantixxi li tonqos l-inkonvenjenza ta' vetturi kbar ta' Tal-Linja li jgħaddu mit-toroq dojoq u kwieti tal-irħula minħabba li dawn, permezz ta' din il-miżura għandhom jiġu allokati ġo postijiet kruċjali fl-irħula fil-partijiet fejn iwasslu lill-passiġġiera lejn irħula oħra.

        i) Ġewwa Għawdex diġà rajna li kull Karozza tal-Linja saret elettrika u li ġiet introdotta ukoll mini-bus li taħdem mingħajr l-użu tal-bniedem kif juru żewġ artikli tat-Times of Malta li ħarġu fl-14 ta' Mejju tal-2026 u fid-19 ta' Awwissu tat-2026.

        ii) Waħda mill-ftit minibuses ġo kull raħal għandha tkun armata b'erba' siġġijiet għal passiġġieri ta' prijorità li jinkludu nisa tqal, anzjani u nies b'mobbiltà limitata.

        iii) Il-vetturi tat-trasport pubbliku li għandhom jiġu allokati għandhom jagħmlu dan sabiex żoni residenzjali ma jesperjenzawx id-diossidu tal-karbonju li joħroġ minn Tal-Linja. Il-postijiet ta' fejn għandhom jagħmlu r-rotot tagħhom dawn għandhom ikunu ġo Main Roads u bypasses.

        iv) Nhar ta' Ħadd, din is-sistema ta' rotot ċirkulari għandha topera normali imma tgħaddi mill-akkwati u ftit miċ-ċentru tal-irħula filwaqt li tkun aktar diretta.

        v) Minkejja li din il-proposta diġà bdiet tiġi implimentata ftit ġewwa Għawdex u Malta, huwa importanti li jkompli jsir investiment sabiex naslu sal-punt li ma jkunx hemm bżonn safety driver jew xufier mal-vetturi (għandha ssir evalwazzjoni tas-sigurtà qabel ma jseħħ dan). Dan l-investiment għandu jsir minn Transport Malta u mill-Malta Public Transport b'kollaborazzjoni mal-Awtorità tal-innovazzjoni diġitali.

vi) Din il-proposta tirrikonoxxi l-ħidma tat-Transport Malta u tal-Malta Public Transport biex tidħol fis-seħħ din il-miżura mill-proġett tal-Malta in Motion. Għal din ir-raġuni, din il-proposta ma tiħux post il-ħidma ta' dawn l-awtoritajiet u tal-Ministeru tal-Mobbiltà Sostenibbli. Minflok dan, din il-proposta tagħti is-suġġerimenti tagħha fuq il-proġett, kif għandu jkun hemm investiment aktar teknoloġiku fih u fuq kollox tagħti l-impressjoni ta' kemm din il-miżura kienet waħda importanti.

vii) Għandu jingħata kumpens finanzjarju lill-familji li għandhom biss karozza waħda. Dan għandu jseħħ biex jiġu evitati aktar karozzi fit-toroq biż-żieda ta' dawn il-minibuses.

2) Is-settur tal-provvista tal-enerġija huwa importanti minħabba li d-domanda dejjem tiddependi mill-popolazzjoni allura huwa evidenti li għandna intejbu dan is-settur.

a) Din is-sena ħareġ illi l-Enemalta ma kinitx qed tistenna d-domanda għolja ta' enerġija minħabba t-temperatura għolja li affaċċja pajjiżna, kif ħareġ minn artiklu tat-Times of Malta fit-22 ta' Lulju tal-2026. Għalhekk, huwa importantissimu li jiġu rregolati t-temperaturi ġo postijiet partikolari.

i) Ġewwa s-substations għanda tiġi introdotta sistema ta' cooling-circulation. Din is-sistema tirrikjedi fann li jpoġġi l-arja ġewwa s-substations u ieħor li joħroġ l-arja l-barra. Huwa importanti li din is-sistema tieħu post sistemi ġo dawn il-postijiet li jinvolvu l-ACs minħabba l-fatt li l-użu ta' AC jirriżulta fi filters li jiġu misdudin minħabba t-trabijiet. Madanakollu, l-Enemalta għanda tara x'inhu l-aħjar (AC jew sistema ta' ċirkulazzjoni) permezz ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema li jaħdmu ġo dawn iż-żoni.

ii) B'mod simili ta' kif ġewwa Ħad-Dingli, saru installazzjonijiet ta' cables tad-dawl taħt l-art minflok mal-ġnub tal-knisja, għandu jibda proġett pilota li jespandi gradwalment fejn il-fili mal-arbli u mal-bini jiġu mgħoddija taħt l-art. Ir-riżultat finali għandu jkun illi l-cables tal-elettriku kollha f'Malta u Għawdex, jiġu mgħoddija taħt l-art.

iii) L-Enemalta għandha tagħmel investiment sabiex ġewwa istituzzjonijiet kbar tal-gvern fosthom istituzzjonijiet bl-uffiċini tal-gvern tiġi introdotta sistema teknoloġika intelliġenti li tikkontrolla t-temperatura ġo dawn il-postijiet sabiex ma tiġi moħlija enerġija żejda. Dokument tal-E&MInnoPortal juri kif proġett simili ġo Hong Kong iħalli l-intelliġenza artifiċjali timmaniġġja il-konsum tal-enerġija rigward l-installazzjonijiet tal-ACs. Dan jiżgura li tintuża ftit inqas enerġija f'istituzzjoni tal-gvern filwaqt li xorta jipprovdi kumdità u l-ACs ikunu jistgħu xorta ikessħu b'mod sodisfaċenti. Minkejja li l-proġett ġo Hong Kong kien biss prova, xorta għandu potenzjal kbir għal Malta.

iv) Bl-istess mod kif għandha tiġi kkontrollata t-temperatura ġo istituzzjonijiet kbar biex titnaqqas il-ħela tal-enerġija, għandha ssir kampanja ta' edukazzjoni fl-iskejjel bi pjattaforma aċċessibbli fuq l-internet li tgħallem l-istudenti modi ta' kif iħarsu l-provvista tal-enerġija mid-djar tagħhom (pereżempju kif ma għandhomx għalfejn ipoġġu t-temperaturi tal-AC baxxi ħafna biex jiġġeneraw il-kesħa). Flimkien ma dan, l-istudenti għandhom jiġu edukati dwar kif nikkonservaw l-ilma u r-riżorsi naturali.

b) Huwa evidenti li hemm bżonn aktar ħaddiema ġewwa l-Enemalta. B'riskju ta' sħana akbar fis-sjuf illi ġejjin, huwa importanti li jkun hemm aktar gruppi ta' ħaddiema li jlaħħqu ma domanda għolja ta' sistemi ta' elettriku taħt l-art li jkunu jinstabu fi stat li ma jkunux jistgħu jipprovdu l-elettriku.

i) Sabiex jiżdiedu l-ħaddiema, għandhom isiru bonuses skont it-temperaturi estremi fix-xhur tas-sajf speċjalment tal-ħaddiema tekniċi u dawk li jaħdmu barra sabiex jiġu attirati aktar ħaddiema lejn dan ix-xogħol.

ii) Il-ħaddiema għandhom ikollhom taħriġ regolari sabiex ix-xogħol iġġenerat ikun wieħed ta' kwalità. Dan għandu jsir minn nies ta' esperjenza u professjonisti.

3) Tul dawn l-aħħar snin huwa evidenti li qed tiżdied il-popolazzjoni Maltija u dan mhux biss jidher minn data tal-NSO iżda wkoll minn figuri tal-Unjoni Ewropeja fejn naraw li t-tieni l-aktar pajjiż fl-Unjoni Ewropeja bi popolazzjoni b'densità kbira (L-Olanda) għanda nofs l-ammont ta' densità ta' Malta.

a) L-istatistika turi li hemm ammont kbir ta' nies li jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum minn ekonomija li tiddependi ħafna fuq it-turiżmu. Dan il-fenomenu mhux wieħed ħażin speċjalment meta nikkunsidraw li hemm familji Maltin u Għawdxin li bnew futur minn dan is-settur ekonomiku. Minkejja dan, huwa importanti li Malta ma tillimitax ruħha ma settur ekonomiku wieħed biss.

i) Skont l-Unjoni Ewropeja, Malta għandha persentaġġ akbar mill-medja Ewropea ta' ħiliet diġitali. Dan ifisser li Malta, fost mewġ ta' teknoloġija ġdida, għandha l-kapaċità li toħroġ rebbieħa b'settur ekonomiku ġdid li jinvolvi l-Intelligenza Artifiċjali. Il-Ministeru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u l-Proġetti Strateġiċi għandu mhux biss jinvesti aktar fid-diġitalizzazzjoni fis-suq tax-xogħol differenti bħat-turiżmu, iżda għandu jkompli jsaħħaħ settur ekonomiku tal-IA ġdid ġewwa pajjiżna (kif diġà sar investiment f'affarijiet bħal igaming) Dan għandu isir bl-appoġġ sħiħ tal-Malta Digital Innovation Authority.

ii) Jekk dan iseħħ, niżguraw li mhux dejjem ikollna neċessarjament bżonn aktar nies biex titkabbar l-ekonomija. Dan ifisser li settur bħal dan kapaċi ikabbar l-ekonomija bil-kwalità tax-xogħol u mhux bil-kwantità.

iii) F'ammont ta', hemm bżonn ħafna nies biex jaħdmu xogħolijiet li jirrikjedu inqas skola. Dan jiġġenera ġid ekonomiku fuq medda ta' kwantità. Settur teknoloġiku ma jirrekjedix ħafna riżorsi umani filwaqt li għandu l-potenzjal idawwar ir-rota ekonomika.

iv) Apparti settur ieħor mill-ġdid, huwa tajjeb li inħarsu lejn possibilitajiet ta' diġitalizzazzjoni. Għandu jkun hemm proġett pilota sabiex ġo setturi li għandhom bżonn kwantità ta' nies biex jaħdmu, tibda dieħla l-awtomazzjoni sabiex dawn is-setturi joperaw xorta iżda ma jkunux jirrikjedu stress żejjed fuq il-popolazzjoni.

v) Id-diġitalizzazzjoni dejjem għandha tidħol b'mod gradwali. Din għandha dejjem isseħħ f'setturi li hemm għexiren ħaddiema li huma TCNs li għad irid jiskadilhom il-permess (sabiex dejjem xorta ikollok ġid ekonomiku li qed jiġi ġġenerat b'inqas ammont ta' ħaddiema)

b) Għandhom isiru studji li jaraw kemm jifilħu servizzi bħal dawk tal-enerġija u tal-ġbir tal-iskart kif ukoll studji sabiex naraw kemm vera hemm bżonn popolazzjoni ġewwa pajjiżna u wara għandna naraw liema permessi ta' ħaddiema tat-tielet dinja għandhom jiġġeddu u liema le. B'hekk inkunu qed inqiegħdu ċertu limitu fuq ħaddiema barranin.

i) Il-popolazzjoni magħżula minn dawn l-esperti għanda tkun reali għal gżira bħal Malta filwaqt li għandha tagħti importanza lill-ekonomija. Minkejja dan, is-sistemi tal-iskart, it-trasport u aktar għandhom jittieħdu fil-konsiderazzjoni.

ii) Permezz ta' dawn l-istudji għanda tiġi emendata l-Labour Migration Policy skond il-bżonnijiet ta' pajjiżna.

iii) L-istudji b'mod ġenerali għandu jsir fuq bażi ta' konsultazzjoni pubblika li tqis l-opinjoni ta' kulħadd inkluż NGOs lokali u ħaddiema f'setturi ekonomiċi u nies li jistudjaw id-densità fil-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin. B'hekk ikun qed jiġi kkunsidrat kollox inkluż it-traffiku, l-akkomodazzjoni, l-iskart, l-ilma, l-enerġija, is-saħħa u l-ambjent, qabel ma jitqiegħed dan il-limitu fuq il-popolazzjoni.

iv) Apparti dan kollu, għanda tiġi introdotta sistema fil-Labour Migration Policy sabiex hekk kif jiskadi l-permess ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi, il-gvern għandu jara jekk baqa' il-bżonn tiegħu fis-settur li jkun qed jaħdem fih. Jekk

le, il-ħaddiem għandu jiġi allokat ġo settur li għandu bżonn aktar ħaddiema minflok ma nimportaw aktar nies li jirriżulta f'aktar tkabbir tal-popolazzjoni (is-settur li jkollhom xogħol fih għandu jkun operat mill-gvern u ta' *sengħa* simili bħal dak ix-xogħol li kellhom qabel).

v) Il-ħaddiema ta' nazzjon barranija li għandhom xogħol high-skilled għandhom jingħataw kors tal-Malti ta' livell A1 jew A2 b'siegħat totali ta' ħamsa u għoxrin siegħa sabiex b'dan il-mod niżguraw li ma tintilifx il-lingwa Maltija.

vi) Għandha ssir ukoll riċerka mill-NSO fuq ir-raġunijiet għalfejn il-Maltin ma jidħlux ħafna karrieri bħal dawk ta' tobba u nurses ġewwa l-isptarijiet. Imbagħad, għandhom jittieħdu passi mal-unions tal-ħaddiema biex jiżguraw li l-karrieri li jintagħżlu mill-Maltin ikunu b'kundizzjonijiet tajbin.

4) L-Infrastruttura u l-ambjent imorru id f'id ġewwa pajjiżna bħala żewġ setturi li naraw b'mod konsistenti li l-poplu Malti u Għawdxi irid jara bidla fihom.

a) Ġewwa l-gżira ta' Għawdex, permezz tal-politika tal-ippjanar u l-istrateġija għal Għawdex, il-faċċata ta' kull bini għanda dejjem tkun bil-ġebla tal-Franka. Dan jippermetti li ġewwa Għawdex tinżamm il-kultura tal-ġebla unika li tagħtina tant identità. Wasal iż-żmien biex permezz ta' teknoloġiji ġodda, din il-miżura tibda gradwalment tintroduċi ruħha ġewwa Malta ukoll.

i) Il-Kunsill Malti tax-xjenza u t-teknoloġija kien provda assistenza finanzjarja f'riċerka mill-perit Franco Montesin u minn Dion Buhagiar biex tibda tiġi riċiklata l-ġebla tal-Franka li tista' tintuża għal djar b'għoli baxx. Minħabba li din it-tip ta' ġebla qed tispiċċa, huwa importanti li tintuża il-verżjoni tagħha riċiklata sabiex ġo ammont limitat ta' żoni mhux turistiċi, tibda tintuża din il-ġebla fil-faċċata ta' kull bini ġdid mibni.

ii) Il-Ministeru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, sabiex tidħol fis-seħħ miżura bħal din mingħajr ma tħalli effett fuq l-investitur, għandu jinvesti sabiex mhux neċessarjament tintuża dejjem il-ġebla sħiħa fil-faċċata tal-bini. Permezz ta' investiment bħal dan, tkun tista' tintuża biss qoxra tal-ġebla Maltija mal-bini. B'hekk il-bini xorta jibqa' affordabbli hekk kif iżomm id-dehra tant tradizzjonali u Maltija.

iii) Il-binjiet ġodda li għandhom il-faċċata tal-franka, għandhom ikunu mibnija fuq stil tradizzjonali li jinkludi affarijiet bħal Gallarija Maltija fost affarijiet oħrajn.

iv) Għandu jsir sett ta' standards estetiċi fejn jekk faċċata tal-bini ser jiġi priservat u fl-istess ħin, ser jiżdiedu s-sulari fuq, dawn is-sulari ġodda, għandhom jaddottaw stil identiku għall-dawk is-sulari li huma preservati.

v) Huwa importanti ukoll li ma naħlux ir-riżorsi minn bini li diġà twaqqa'. Għalhekk, apparti l-proposta li tinvolvi l-franka, għandha tidħol fis-seħħ miżura li binjiet ġodda ġo ċertu partijiet ta' Malta ikollhom persentaġġ żgħir tkun magħmula minn materjal ta bini imwaqqa' li jkun għadu tajjeb għall-użu. Dan il-persentaġġ għandu jiġi deċiż mill-Awtorità tal-Ippjanar.

vi) Għandu jsir ħarsien fejn jiġi determinat liema stil arkitetturali li bih għandu jintuża l-bini l-ġdid jew renovazzjoni ta' bini f'dik it-triq. Għandu wkoll jiġi determinat il-livell massimu ta' kemm il sular jista' jitella f'dik it-triq b'toroq twal jinqasmu f'segmenti. Dan kollu jiġi determinat mill-Kunsill Lokali fuq konsultazzjoni mar-residenti tat-triq. L-Awtorità tal-Ippjanar għandu jkun marbut bid-deċiżjoni tal-kunsill lokali.

b) Fost l-infrastruttura u l-popolazzjoni kbira ta' Malta, ħafna drabi ma tkunx faċli li nintegraw dawn iż-żewġ setturi mal-ambjent. Għalhekk, għandhom jinħolqu sett ta' proposti li jgħinu sabiex dan iseħħ.

i) Għandu jkun hemm investiment sabiex tiżdied il-paga ta' kull min jaħdem mal-ERA sabiex jiżdied l-infurzar hekk kif ikollok aktar ħaddiema u uffiċċjali tal-infurzar. Dan iseħħ għaliex aktar nies ikollhom il-ħeġġa jidħlu għal dan it-tip ta' xogħol.

ii) Għandu jsir ukoll investiment ta' reklamar fejn jidħlu annimali fil-perikli. Kull reklam illi joħroġ minn dan l-investiment għandu jinkludi li meta ssib annimal fil-periklu, ma għandekx tieħu ħsiebu int iżda għandek iċċempel lil 'Nature Trust' (fejn huma jiggwidawk fejn għandek tieħu l-annimal).

iii) Huwa essenzjali li nagħmlu ċert li nimmassimizzaw il-potenzjal tal-ilma tax-xita, b'hekk hemm bżonn li tiġi infurzata politika li sit ta' żvilupp ma jistax ikollu aktar minn persentaġġ tiegħu impermeabbli. Il-massimu ta' art impermeabbli għandha tvarja minn 60-80%, dipendenti mid-densita' tal-lokalità. Dan jippermetti li inkunu nistgħu nerġgħu nużaw l-ilma tax-xita filwaqt li ma jiħux il-maġġorita tal-art u għalhekk ma jippreżentax sfida għall-iżviluppatur.

iv) Hemm bżonn li kull kunsill lokali jsib postijiet inkluż bħal fejn tieqaf Tal-Linja sabiex iżid is-siġar f'dawk il-postijiet. Għandhom iseħħu studji li jaraw kemm huwa n-numru ta' siġar li kull lokalità tirrikjedi u fejn l-aħjar li jitħawwlu s-siġar. Wara li jsir dan, għandu jitqiegħed pjan fit-tul ta' xi jridu

jagħmlu l-kunsilli, sena b'sena. Wara li jitlesta dan il-proġett, Project Green għandhom jidħlu biex jgħinu fil-ħarsien ta' dawn is-siġar.

Proposti Membru Indipendenti Kurt Axisa

Rikonoxximenti fuq il-popolazzjoni

Din is-sezzjoni se tiddiskuti l-popolazzjoni fil-kuntest tal-immigrazzjoni u tat-turiżmu. Nibdew b'tal-immigrazzjoni. Nirrikonoxxi li:

- Ir-rata tal-fertilità tal-poplu Malti hija baxxa ħafna, madwar 1.01 (biex popolazzjoni tinżamm, ir-rata trid tkun ta' mill-inqas 2.0).
- Filwaqt li l-Gvern iħabbar ta' spiss tnaqqis fl-influss ta' immigranti illegali, ma jikkunsidrax biżżejjed li l-influss via rotot legali qed joħloq piż qawwi fuq il-gżejjer Maltin.
- Hemm nuqqas kbir ta' statistika u sondaġġi dwar l-assimilazzjoni tal-immigranti.
- Hemm nuqqas ta' infurzar kontra abbużi fuq il-post tax-xogħol (skont rapporti mill-midja).
- Hemm ukoll nuqqas ta' inizjattiva dwar id-diportazzjoni ta' kriminali barranin; minflok, isir spettaklu meta jitkeċċa persuna li dejjem obdiet ir-regoli u assimilat ruħha fil-komunità (eżempju mill-2024 u każ riċenti ta' raġel miż-Żimbabwe).
- Is-settur ta' *high-skilled workers* qiegħed ibati minħabba nuqqas ta' ħaddiema u żieda fid-domanda, kif ukoll sfidi fl-assimilazzjoni tagħhom.

Nipproponi li:

- Il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà jistabbilixxi testijiet aktar avvanzati għall-permessi tar-residenza.
- F'setturi fejn il-komunikazzjoni hija kruċjali, il-Ministeru għandu jżur l-istabbilimenti (sptarijiet, ristoranti, sewwieqa) biex jivvaluta l-kapaċità u l-kompetenza tal-ħaddiema.
- Tingħata inċentiva ta' inqas taxxa fuq id-dħul lil familji Maltin ġodda li jagħtu kontribut pożittiv lejn ir-rata tal-fertilità (2 tfal jew aktar), skont kriterji ta' dixxendenza u ċittadinanza.
  Kriterji:
  - Familji li għandhom dixxendenzza ta' imqar żewġ ġenerazzjonijiet fuq iż-żewġ naħat tal-familja.
  - F'każ fejn id-dixxendenzza Maltija tkun preżenti f'naħa waħda biss, il-familja tista' tibbenifika mill-iskema provdut li t-tfal jattendu skola f'Malta.
- Jintensifikaw ir-riżorsi għal-lezzjonijiet bil-Malti biex ħaddiema barranin itejbu l-komunikazzjoni u l-assimilazzjoni.
- Tiġi riveduta l-validità ta' korsijiet terzjarji barranin (dmir tal-Ministeru tal-Edukazzjoni).

Fuq l-aspett tat-turiżmu

- Infaħħar lill-Ministru tal-Intern għall-implimentazzjoni tal-multi kontra l-imġiba anti-soċjali.
- Id-demografija tat-turisti nbidlet tul iż-żmien u teħtieġ studju serju.
- Xi rħula saru *no-go zones* minħabba imġieba ħażina sfrenata.

- Hemm diżrispett lejn il-Belt Valletta permezz ta' *tourist traps* u nuqqas ta' aċċessibbiltà għar-residenti.
- Hemm nuqqas ta' rispett lejn għaqdiet volontarji bħall-MRU, fejn l-ordnijiet tagħhom ta' spiss jiġu injorati.

Nipproponi

- Jinħoloq bord bejn il-Ministeru tat-Turiżmu, tal-Intern u l-Kunsilli Lokali, b'membri minn rħula vulnerabbli għall-impatti tat-turiżmu u l-bidliet ambjentali.
- Fondi għal *community police* biex il-pulizija jkunu deterrent effettiv għall-imġiba ħażina.
- L-awtorità tingħata lill-kunsilli lokali biex iwaqqfu jew iħottu servizzi spontanju li juru diżrispett lejn l-istorja jew il-kultura tar-raħal.
- Jiġi implimentat kejl proattiv tal-istorbju (SL 441.08, Kap. 441, Kap. 409) skont distanza u tip ta' stabbiliment, inkluż stabbilimenti marittimi.
- Stabbilimenti li jiksru l-livelli tal-istorbju tliet darbiet jitqiesu negliġenti u jiġu sospiżi milli jdoqqu diski amplifikati, b'possibbiltà ta' diżoluzzjoni immedjata. Festi tradizzjonali jiġu eżentati.
- Żieda f'Notifika Legali 182 biex residenti mhux abitwali li jinstabu ħatja ta' nuqqas ta' kooperazzjoni jew każijiet ta' arrest jingħataw servizz lejn il-komunità ta' mhux inqas minn 40 siegħa, qabel jingħataw lura d-dokumenti tal-ivvjaġġar.

Rikonoxximenti fuq l-Infrastruttura

- Id-domanda tal-elettriku din is-sena qabżet is-700 MW.
- L-imwiet minħabba s-sħana estrema għandhom jiġu rikonoxxuti bħala kriżi serja li tpoġġi ħajjiet f'periklu.
- Pjanijiet għat-trasport tal-massa ilhom imsemmija mill-elezzjoni tal-2022 iżda ma sar xejn konkret.
- F'ċerti rħula, il-moviment sar kważi impossibbli f'ħinijiet partikolari.
- L-iskema tar-retiro tal-liċenzji ma tlaħħaqx mal-ammont ta' karozzi ġodda.
- Das-sajf ġab miegħu skużi ripetuti dwar qtugħ tad-dawl.
- Sena wara sena, il-fiduċja fit-trasport pubbliku tkompli tonqos.

Nipproponi

- Reviżjoni serja tal-effiċjenza tat-trasport pubbliku kurrenti.
- Stħarriġ dwar kif tinbidel id-domanda tal-elettriku tul l-istaġuni.
- Il-Parlament jagħti prijorità lill-formazzjoni ta' pjan ġdid għal-metro.
- Tiġi stabbilita skeda ta' validità ta' sena għall-liċenzji barranin.
- Riċerka dwar kif toroq jistgħu jiġu adattati biex jilqgħu iktar nies li jsuqu r-rota.
- Analiżi tad-domanda tal-elettriku meħtieġa għal stazzjonijiet ta' ċċarġjar ta' vetturi elettriċi.
- Servizzi minn Mater Dei għal nies vulnerabbli meta jinqatgħalhom id-dawl.

Rikonoxximenti fuq l-Ambjent

- Is-sitwazzjoni f'Kemuna turi li l-prijoritajiet kienu aktar għat-turisti milli għar-residenti.
- Proposti ta' bini li jimponu fuq siti storiċi jew ċentri residenzjali qed jiżdiedu.
- L-istil tradizzjonali tal-faċċati Maltin qed jitmermer sena wara sena.
- Il-kontaminazzjoni tal-ibħra qed tiggrava mingħajr spjegazzjoni ċara.
- Nuqqas ta' siġar f'ċerti żoni qed jikkontribwixxi għas-sħana abnormali.
- Il-Kunsilli Lokali jitqiesu biss bħala konsulenti, mhux bħala entità b'awtorità.

Nipproponi

- Il-Kunsilli Lokali jkollhom id-deċiżjoni finali fuq kull proposta tal-AP.
- Analiżi serja tal-kontaminazzjoni tal-ibħra u l-oriġini tal-iskart.
- Fondi u appoġġ għal żvilupp ta' faċċati tradizzjonali flimkien ma' inizjattivi bħall-programm *Irrestawra Darek*.
- Assessjar ġeoloġiku obbligatorju qabel jingħata permess għall-iżvilupp.
- Jiġu riveduti l-pjanijiet lokali tal-AP.

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA). La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-EACEA ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.